Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 20 ta' Novembru 2020**
**(OR. en)**

**13189/20**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0329(COD)**

**CODIF 20**
**CODEC 1187**
**MAR 150**
**OMI 49**
**MI 509**
**SOC 739**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Novembru 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 739 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (kodifikazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet isibu hawn mehmuża l-proposta ta' kodifikazzjoni mill-Kummissjoni msemmija fis-suġġett (COM(2020) 739 final - 2020/0329 (COD) u l-Annessi minn 1 sa 5).

Id-delegazzjonijiet huma mistiedna jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-proposta ta' kodifikazzjoni sa nhar il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru 2020 fuq l-indirizzi li ġejjin:

Codification@consilium.europa.eu **U** sj-codification@ec.europa.eu

Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tad-delegazzjonijiet għall- Gwida Prattika dwar il-Kodifikazzjoni (id-dokument 14722/14 + COR 1).

Mehmuż: COM(2020) 739 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.11.2020
COM(2020) 739 final

2020/0329 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (kodifikazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa tal-poplu, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lis-simplifikazzjoni u liċ-ċarezza tal-liġi tal-Unjoni sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli għaċ-ċittadini u b'hekk toffrilhom opportunitajiet ġodda u ċ-ċans li jagħmlu użu mid-drittijiet speċifiċi li tagħtihom.

   Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi, spiss b'mod sostanzjali, jibqgħu mferrxin bejn l-att oriġinali u atti sussegwenti li jemendaw l-att oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' xogħol ta' riċerka konsiderevoli li jqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli attwalment fis-seħħ.

   Għalhekk huwa essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tkun ċara u trasparenti.

2. Fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet[1] li tordna lill-persunal tagħha li kull att għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, filwaqt li enfasizzat li din hija kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke f'intervalli iqsar biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom ikunu ċari u jinftiehmu malajr.

3. Dan ġie kkonfermat mill-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992)[2], filwaqt li saħqu fuq l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza f'dak li jirrigwarda l-liġi applikabbli għal materja partikolari f'mument partikolari.

   Il-kodifikazzjoni għandha ssir f'konformità sħiħa mal-proċedura normali għall-adozzjoni ta' atti tal-Unjoni.

   Billi l-ebda bidla sostanzjali ma tista' ssir fl-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu, permezz ta' ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994, li tista' tintuża proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni rapida ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta huwa li ssir il-kodifikazzjoni tad-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara[3]. Id-Direttiva l-ġdida tissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fiha[4]; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu tal-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kulma tagħmel huwa li tgħaqqadhom filwaqt li tagħmel biss l-emendi formali meħtieġa mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.

5. Il-proposta ta' kodifikazzjoni tħejjiet abbażi ta' konsolidazzjoni preliminari, fl-24 lingwa uffiċjali tad-Direttiva 2008/106/KE u tal-atti li jemendawha, magħmula mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' *data*. Fejn l-Artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri l-qodma u l-ġodda tidher fit-tabella li tinsab fl-Anness V ta' din id-Direttiva kkodifikata.

---

[1] COM(87) 868 PV.
[2] Ara l-Anness 3 għall-Parti A tal-Konklużjonijiet.
[3] Imdaħħla fil-programm leġiżlattiv għal 2020.
[4] Ara l-Anness IV, Parti A ta' din il-proposta.

🡻 2008/106/KE (adattat)

2020/0329 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (kodifikazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ⌦ 100(2) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[5],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[6],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

🡻 2008/106/KE premessa 1 (adattat)

(1) Id-Direttiva ⌦ 2008/106/KE ⌫ tal-Parlamemt Ewropew u tal-Kunsill[7] ġiet emendata kemm-il darba ⌦ b'mod sostanzjali ⌫[8]. ⌦ Fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi kkodifikata ⌫.

🡻 (UE) 2019/1159 premessa 1 (adattat)

(2) Sabiex jinżamm, u bl-għan li jittejjeb, il-livell għoli ta' sikurezza marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis fil-baħar, huwa essenzjali li jinżamm u possibbilment li jittejjeb il-livell tal-għarfien u tal-ħiliet tal-baħħara tal-Unjoni bl-iżvilupp tat-taħriġ marittimu u taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mar-regoli internazzjonali u l-progress teknoloġiku, kif ukoll li tittieħed azzjoni ulterjuri biex tissaħħaħ il-bażi tal-ħiliet marittimi Ewropej.

5 ĠU C […], [… ], p. […].

6 ĠU C […], [… ], p. […].

7 Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33).

8 Ara l-Anness IV, Parti A.

↓ (UE) 2019/1159 premessa 2 (adattat)

(3) It-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara huma regolati fuq livell internazzjonali mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ⌦ (IMO) ⌫ tal-1978 (il-Konvenzjoni STCW), li ġiet suġġetta għal reviżjoni kbira fil- ⌦ Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni STCW li saret f'Manila ⌫ fl-2010 ⌦ (l-emendi ta' Manila) ⌫. Fl-2015 ⌦ u fl-2016 ⌫ ġew adottati emendi ⌦ ulterjuri ⌫ għall-Konvenzjoni STCW.

---

↓ (UE) 2019/1159 premessa 3 (adattat)

(4) ⌦ Din ⌫ id-Direttiva tinkorpora l-Konvenzjoni STCW fil-liġi tal-Unjoni. L-Istati Membri kollha huma firmatarji tal-Konvenzjoni STCW u għalhekk trid tinkiseb implimentazzjoni armonizzata tal-impenji internazzjonali tagħhom permezz tal-allinjament mal-Konvenzjoni STCW tar-regoli tal-Unjoni dwar it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara.

---

↓ 2012/35/UE premessa 13 (adattat)

(5) Is-settur tal-bastimenti tal-Unjoni għandu kompetenza esperta marittima ta' kwalità għolja li tgħin biex tiżgura l-kompetittività tiegħu. Il-kwalità tat-taħriġ għall-baħħara hija importanti għall-kompetittività tas-settur u biex jiġu mħajjra ċ-ċittadini tal-Unjoni, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, għall-professjonijiet marittimi.

---

↓ 2008/106/KE premessa 8

(6) L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu standards ogħla mill-istandards minimi stabbiliti fil-Konvenzjoni STCW u f'din id-Direttiva.

---

↓ 2008/106/KE premessa 9 (adattat)

(7) Ir-Regolamenti tal-Konvenzjoni STCW annessi ma' din id-Direttiva għandhom ikunu ssupplimentati bid-dispożizzjonijiet mandatorji li jinsabu fil-Parti A tal-Kodiċi ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara (Kodiċi STCW). Il-Parti B tal-Kodiċi STCW fiha gwida rakkomandata maħsuba biex tassisti lill-Partijiet għall-Konvenzjoni STCW u lil dawk involuti fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni jew l-infurzar tal-miżuri tagħha biex jagħtu lill-Konvenzjoni effett sħiħ u komplet b'mod uniformi.

---

↓ (UE) 2019/1159 premessa 5 (adattat)

(8) Wieħed mill-għanijiet tal-politika komuni tat-trasport fil-qasam tat-trasport marittimu huwa li jiġi ffaċilitat il-moviment tal-baħħara fi ħdan l-Unjoni. Dan il-moviment

jikkontribwixxi, fost affarijiet oħra, sabiex is-settur tat-trasport marittimu tal-Unjoni jsir aktar attraenti għall-ġenerazzjonijiet futuri, biex b'hekk tiġi evitata sitwazzjoni ⌦ fejn ⌫ il-cluster marittimu Ewropew iħabbat wiċċu ma' skarsezza ta' persunal kompetenti bit-taħlita ġusta ta' ħiliet u kompetenzi. Ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri huwa essenzjali biex jiffaċilita l-moviment liberu tal-baħħara. Fid-dawl tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-aċċettazzjoni ta' ċertifikati ta' proficjenza maħruġa lil baħħara minn Stati Membri oħra għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikati nazzjonali ta' kompetenza jkunu bbażati fuq raġunijiet li jistgħu jiġu aċċertati mill-baħħara kkonċernati.

---

| ➔ 2012/35/UE premessa 5 (adattat) |
|---|

(9) It-taħriġ għall-baħħara għandu jkopri taħriġ teoretiku u prattiku adatt sabiex jiġi żgurat li l-baħħara jkunu kwalifikati biex jissodisfaw standards ta' sigurtà u ta' sikurezza u jkunu kapaċi jirrispondu għal perikli u emerġenzi.

---

| ➔ 2008/106/KE premessa 11 (adattat) |
|---|

(10) L-Istati Membri għandhom jieħdu u jinfurżaw miżuri speċifiċi sabiex jipprevjenu u jippenalizzaw prattiki qarrieqa marbuta ma' ċertifikati ta' kompetenza ⌦ u ċertifikati ta' proficjenza ⌫ kif ukoll li jsegwu l-isforzi tagħhom fi ħdan l-IMO sabiex jintlaħqu strumenti ta' ftehim stretti u infurzabbli dwar il-ġlieda globali kontra dawk il-prattiki.

---

| ➔ 2012/35/UE premessa 6 |
|---|

(11) Għandhom jiġu żviluppati u implimentati standards tal-kwalità u sistemi ta' standards tal-kwalità filwaqt li titqies, fejn applikabbli, ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009[9] u miżuri relatati adottati mill-Istati Membri.

---

| ➔ 2008/106/KE premessa 10 (adattat) |
|---|

(12) Għat-titjib fis-sikurezza marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis fuq il-baħar, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva dwar perjodi minimi ta' mistrieħ għall-persunal tal-għassa skond il-Konvenzjoni STCW. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikati mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE[10].

---

9 Ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ĠU C 155, 8.7.2009, p. 1).

10 Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-baħħara konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (AKESB) u l-Federazzjoni ta' l-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FUĦT) (ĠU L 167, 2.7.1999, p. 33).

🡻 2012/35/UE premessa 7 (adattat)

(13) Is-sħab soċjali Ewropej qablu dwar is-sigħat minimi ta' mistrieħ applikabbli għall-baħħara u ġiet adottata d-Direttiva 1999/63/KE bil-ħsieb li jiġi implimentat dak il-ftehim. Dik id-Direttiva tippermetti wkoll il-possibilità li jiġu awtorizzati eċċezzjonijiet għas-sigħat minimi ta' mistrieħ għall-baħħara. Madankollu, il-possibilità ta' awtorizzazzjoni ta' eċċezzjonijiet għandha tiġi limitata f'termini ⌦ tat- ⌫ tul massimu, frekwenza u ambitu. L-emendi ta' Manila kienu mmirati, fost affarijiet oħrajn, biex jistabbilixxu limiti oġġettivi għall-eċċezzjonijiet għas-sigħat minimi ta' mistrieħ għall-persunal tal-għassa u l-baħħara b'kompiti magħżula relatati mas-sikurezza, is-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġis bil-ħsieb li tiġi evitata l-għeja. ⌦ Għaldaqstant, din id-Direttiva għandha tirrifletti ⌫ l-emendi ta' Manila b'mod li jiżgura koerenza mad-Direttiva 1999/63/KE.

🡻 2008/106/KE premessa 12 (adattat)

(14) Sabiex tiġi mtejba s-sikurezza marittima u sabiex ma jkunx hemm telf ta' ħajjiet umani u tniġġis marittimu, għandha ⌦ tiġi żgurata ⌫ l-komunikazzjoni fost membri tal-ekwipaġġ abbord vapuri li jbaħħru fl-ilmijiet ⌦ tal-Unjoni ⌫.

🡻 2008/106/KE premessa 13

(15) Il-persunal abbord vapuri tal-passiġġieri maħtur sabiex jassisti lill-passiġġieri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza għandu jkun jista' jikkomunika mal-passiġġieri.

🡻 2008/106/KE premessa 14

(16) L-ekwipaġġi fuq tankers li jġorru tagħbija li tagħmel ħsara għas-saħħa jew li tniġġes għandhom ikunu jistgħu jlaħqu b'mod effettiv mal-prevenzjoni ta' inċidenti u sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Huwa tal-akbar importanza li tiġi stabbilita rabta ta' komunikazzjoni tajba bejn il-kaptan, l-uffiċjali u l-baħrin, li tkopri r-rekwiżiti previsti f'din id-Direttiva.

🡻 2008/106/KE premessa 15 (adattat)

(17) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li baħħara li jkollom ċertifikati maħruġa minn pajjiżi terzi u li jservu fuq vapuri ⌦ fl-Unjoni ⌫ jkollhom livell ta' kompetenza ekwivalenti għal dak meħtieġ mill-Konvenzjoni STCW. Din id-Direttiva għandha tistabbilixxi proċeduri u kriterji komuni għar-rikonoxximent mill-Istati Membri ta' ċertifikati ⌦ tal-baħħara ⌫ maħruġa minn pajjiżi terzi, ibbażat fuq ir-rekwiżiti tat-taħriġ u taċ-ċertifikazzjoni kif sar qbil fuqhom fl-istruttura tal-Konvenzjoni STCW.

🡻 2008/106/KE premessa 16

(18) Fl-interessi tas-sikurezza fuq il-baħar, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu kwalifiki li jagħtu prova tal-livell ta' taħriġ meħtieġ biss fejn dawn ikunu maħruġa

minn jew f'isem Partijiet għall-Konvenzjoni STCW li jkunu ġew identifikati mill-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC) tal-IMO bħala li jkunu jidhru li taw, u li għadhom jagħtu, effett sħiħ għall-istandards stabbiliti f'dik il-Konvenzjoni. Biex jimtela ż-żmien sakemm l-MSC ikun jista' jagħmel din l-identifikazzjoni, hemm bżonn ta' proċedura għar-rikonoxximent preliminari ta' ċertifikati.

---

| ↓ (UE) 2019/1159 premessa 6 (adattat) |
|---|

(19) ⌦ Din ⌫ id-Direttiva fiha wkoll sistema ċentralizzata għar-rikonoxximent taċ-ċertifikati tal-baħħara maħruġa minn pajjiżi terzi. Sabiex jintużaw ir-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli b'mod effiċjenti, il-proċedura għar-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq analiżi tal-ħtieġa għal tali rikonoxximent, li tinkludi iżda mhux limitata biss għal indikazzjoni tan-numru stmat ta' kaptani, uffiċjali u operaturi tar-radju li joriġinaw minn dak il-pajjiż ⌦ terz ⌫ li x'aktarx li jkunu jservu fuq bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri. Jenħtieġ li dik l-analiżi tintbagħat għall-eżami lill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS).

---

| ↓ (UE) 2019/1159 premessa 8 (adattat) |
|---|

(20) Sabiex jiġi żgurat id-dritt tal-baħħara kollha għal impjieg deċenti u sabiex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern, ⌦ għar- ⌫ rikonoxximent futur ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li ⌦ jitqies ⌫ jekk dawk il-pajjiżi terzi rratifikawx il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006.

---

| ↓ (UE) 2019/1159 premessa 9 (adattat) |
|---|

(21) Sabiex ⌦ tiġi żgurata ⌫ l-effiċjenza tas-sistema ċentralizzata għar-rikonoxximent ta' ⌦ ċertifikati tal-baħħara maħruġa minn ⌫ pajjiżi terzi, jenħtieġ li titwettaq rivalutazzjoni ta' pajjiżi terzi li jipprovdu għadd baxx ta' baħħara għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri, f'intervalli ⌦ ta' ⌫ għaxar snin. Dan il-perijodu ⌦ twil ⌫ ta' rivalutazzjoni tas-sistema ta' dawn il-pajjiżi terzi jenħtieġ li jiġi kkombinat ma' kriterji ta' prijorità li jieħdu kont tat-tħassib dwar is-sikurezza, filwaqt li tiġi bbilanċjata l-ħtieġa ta' effiċjenza b'mekkaniżmu effikaċi ta' salvagwardja f'każ ta' deterjorazzjoni tal-kwalità tat-taħriġ tal-baħħara pprovdut fil-pajjiżi terzi rilevanti.

---

| ↓ 2008/106/KE premessa 17 |
|---|

(22) Fejn ikun xieraq, għandhom jiġu spezzjonati l-istituti marittimi, il-programmi ta' taħriġ u l-korsijiet marittimi. Għandhom għalhekk jiġu stabbiliti kriterji ta' spezzjoni.

↓ 2008/106/KE premessa 19

(23) L-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-verifika li l-Istati Membri jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva.

↓ 2008/106/KE premessa 10 (adattat)

(24) Fil-livell tal-Unjoni, l-informazzjoni dwar il-baħħara impjegati minn pajjiżi terzi saret disponibbli bil-komunikazzjoni mill-Istati Membri tal-informazzjoni rilevanti miżmuma fir-reġistri nazzjonali tagħhom marbuta maċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet maħruġa. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tintuża għal finijiet ta' statistika u t-tfassil tal-politika, b'mod partikolari għall-fini ta' titjib fl-effiċjenza tas-sistema ċentralizzata għar-rikonoxximent ta' ⌦ ċertifikati tal-baħħara maħruġa minn ⌫ pajjiżi terzi. Abbażi tal-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri, jenħtieġ li r-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi li ma pprovdewx baħħara għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri għal perijodu ta' mill-inqas tmien snin jiġi rieżaminat. Jenħtieġ li l-proċess ta' rieżami jkopri l-possibbiltà taż-żamma jew l-irtirar tar-rikonoxximent tal-pajjiż terz rilevanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri tintuża wkoll sabiex tagħti prijorità lill-valutazzjoni mil-ġdid tal-pajjiżi terzi rikonoxxuti.

↓ 2008/106/KE premessa 20 (adattat)

(25) L-Istati Membri, bħala awtoritajiet tal-port, huma meħtieġa li jtejjbu s-sikurezza u l-prevenzjoni tat-tniġġis fl-ilmijiet ⌦ tal-Unjoni ⌫ permezz ta' spezzjonijiet ta' prijorità ta' bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' pajjiż terz li ma jkunx irratifika il-Konvenzjoni STCW, u b'hekk jiżguraw li bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' pajjiż terz ⌦ ma jirċevux trattament aktar favorevoli ⌫.

↓ (UE) 2019/1159 premessa 13 (adattat)

(26) Id-dispożizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali stipulati fid-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] ⌦ ma kienux ⌫ applikabbli fir-rigward tar-rikonoxximent taċ-ċertifikati tal-baħħara skont id-Direttiva 2008/106/KE. Id-Direttiva 2005/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] kienet tirregola r-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri. Madankollu, id-definizzjonijiet taċ-ċertifikati tal-baħħara msemmija

[11] Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenziji Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

[12] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

[13] Id-Direttiva 2005/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri u li temenda d-Direttiva 2001/25/KE (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 160).

fid-Direttiva 2005/45/KE saru obsoleti wara l-emendi tal-2010 għall-Konvenzjoni STCW. Għalhekk, l-iskema ta' rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri jenħtieġ li tiġi ⌦ regolata ⌫ sabiex tirrifletti emendi internazzjonali. Barra minn hekk, iċ-ċertifikati mediċi tal-baħħara maħruġa taħt l-awtorità tal-Istati Membri jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll fl-iskema ta' rikonoxximent reċiproku. Sabiex ⌦ tiġi evitata kwalunkwe ⌫ ambigwità u riskju ta' inkonsistenza bejn id-Direttivi 2005/45/KE u ⌦ din id-Direttiva ⌫, ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati tal-baħħara jenħtieġ li jiġi regolat ⌦ b'din id- ⌫ Direttiva biss. Barra minn hekk, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li tiddaħħal sistema elettronika għall-preżentazzjoni tal-kwalifiki tal-baħħara ladarba jkunu ġew adottati l-emendi rilevanti għall-Konvenzjoni STCW.

---

🡻 (UE) 2019/1159 premessa 14 (adattat)

(27) Id-diġitalizzazzjoni tad-data hija parti integrali mill-progress teknoloġiku fil-qasam tal-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data bil-ħsieb li tgħin biex l-ispejjeż jitnaqqsu u biex ir-riżorsi umani jintużaw b' effiċjenza. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra miżuri sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-kontroll mill-Istat tal-port, inkluż, fost l-oħrajn, evalwazzjoni tal-fattibbiltà u l-valur miżjud tal-istabbiliment u l-ġestjoni ta' bażi tad-data ċentrali taċ-ċertifikati tal-baħħara li tkun kollegata mal-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14], u li l-Istati Membri kollha ⌦ jkunu ⌫ konnessi magħha. Jenħtieġ li dik il-bażi tad-data ċentrali jkun fiha l-informazzjoni kollha, stabbilita fl-Anness III ⌦ għal din id- ⌫ Direttiva, dwar iċ-ċertifikati ta' kompetenza u l-approvazzjonijiet li jaffermaw ir-rikonoxximent taċ-ċertifikati ta' profiċjenza maħruġa skont ir-Regolamenti V/1-1 u V/1-2 tal-Konvenzjoni STCW.

---

🡻 (UE) 2019/1159 premessa 11 (adattat)

(28) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-livell internazzjonali u biex jiġi żgurat l-adattament f'waqtu ta' regoli tal-Unjoni għal dawk l-iżviluppi, is-setgħa ta' adozzjoni ta'atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-inkorporazzjoni tal-emendi tal-Konvenzjoni STCW u l-Parti A tal-Kodiċi STCW bl-aġġornament tar-rekwiżiti tekniċi dwar it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara u bl-allinjament tad-dispożizzjonijiet kollha rilevanti ⌦ ta' din ⌫ id-Direttiva fir-rigward taċ-ċertifikati diġitali għall-baħħara. B'mod partikolari hu importanti li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[15]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni indaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

---

14 Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

15 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

↓ (UE) 2019/1159 premessa 12 (adattat)

(29) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fir-rigward tar-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi, ⌦ kif ukoll fir-rigward tad-data tal-istatistika dwar il-baħħara li tiġi provduta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, ⌫ jenħtieġ li setgħat ta' implimentazzjoni jiġu konferiti lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jkunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16].

↓ 2012/35/UE premessa 21 (adattat)

(30) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-allinjament tar-regoli tal-Unjoni ma' regoli internazzjonali dwar it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri ⌦ iżda ⌫ jistgħu ⌦ pjuttost ⌫, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

↓ 2008/106/KE premessa 26 (adattat)

(31) ⌦ Jenħtieġ li ⌫ din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-iskadenzi għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness IV, Parti B,

↓ 2008/106/KE (adattat)

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva ⌦ japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin ⌫:

(1) "kaptan" tfisser il-persuna li għandha l-kmand ta' vapur;

(2) "uffiċjal" tfisser membru tal-ekwipaġġ, minbarra l-kaptan, nominat hekk bil-liġi jew b'regolamenti nazzjonali jew, fin-nuqqas ta' din in-nomina, bi ftehim kollettiv jew drawwa;

(3) "uffiċjal tal-gverta" tfisser uffiċjal ikkwalifikat skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II ta' l-Anness I;

[16] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(4) “chief mate” tfisser l-uffiċjal fil-grad ta’ wara l-kaptan li fuqu jaqa’ l-kmand tal-vapur fil-każ tal-inkapaċità tal-kaptan;

(5) “uffiċjal tal-inġinerija” tfisser uffiċjal ikkwalifikat skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III ta’ l-Anness I;

(6) “uffiċjal kap tal-inġinerija” tfisser l-uffiċjal superjuri ta’ l-inġinerija responsabbli mill-propulsjoni mekkanika u t-tħaddim u l-manutenzjoni ta’ l-istallazzjonijiet mekkaniċi jew ta’ l-elettriku tal-vapur;

(7) “it-tieni uffiċjal tal-inġinerija” tfisser l-uffiċjal tal-inġinerija fil-grad ta’ wara l-uffiċjal kap tal-inġinerija li fuqu taqa’ r-responsabbiltà għall-propulsjoni mekkanika u t-tħaddim u l-manutenzjoni tal-installazzjonijiet mekkaniċi jew tal-elettriku tal-vapur fil-każ tal-inkapaċità tal-uffiċjal kap tal-inġinerija;

(8) “assistent uffiċjal ta’ l-inġinerija” tfisser persuna li qed titħarreġ biex tilħaq uffiċjal tal-inġinerija u nominata hekk mil-liġi jew mir-regolamenti nazzjonali;

(9) “operatur tar-radju” tfisser persuna li għandha ċertifikat xieraq maħruġ jew rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tar-Radju;

(10) “baħri” tfisser membru tal-ekwipaġġ tal-vapur minbarra l-kaptan jew l-uffiċjali;

(11) “vapur li jbaħħar” tfisser vapur għajr dawk li jbaħħru b’mod esklussiv f’ilmijiet interni jew f’ilmijiet ġewwa jew viċin ta’ ilmijiet jew żoni milqugħin fejn jgħoddu r-regolamenti tal-port;

(12) “vapur li jtajjar il-bandiera ta’ Stat Membru” tfisser vapur irreġistrat fi u li jtajjar il-bandiera ta’ Stat Membru skont il-leġislazzjoni tiegħu; vapur li ma jikkorrispondix ma’ din id-definizzjoni għandu jiġi meqjus bħala vapur li jtajjar il-bandiera ta’ pajjiż terz;

(13) “vjaġġi qrib ix-xatt” tfisser vjaġġi fil-viċinanza ta’ Stat Membru kif definit minn dak l-Istat Membru;

(14) “qawwa ta’ propulsjoni” tfisser il-qawwa ta’ output b’rata kontinwa massima totali mfissra f’kilowatts tal-magni prinċipali ta’ propulsjoni kollha tal-vapur li jidhru fuq iċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni tal-vapur jew fuq ⌦ kwalunkwe ⌫ dokument uffiċjali ieħor;

(15) “tanker taż-żejt” tfisser vapur mibni u użat għat-trasport taż-żejt u prodotti taż-żejt fi kwantitajiet kbar;

(16) “tanker ta’ sustanzi kimiċi” tfisser vapur mibni jew adattat u użat għat-trasport fi kwantità ta’ kwalunkwe prodott likwidu elenkat fil-Kapitolu 17 tal-Kodiċi Internazzjonali ta’ Kimika fi Kwantità, fil-verżjoni aġġornata tiegħu;

(17) “tanker ta’ gass likwifikat” tfisser vapur mibni jew adattat u użat għat-trasport fi kwantità ta’ kwalunkwe gass likwifikat jew prodott ieħor elenkat fil-Kapitolu 19 tal-Kodiċi ta’ Trasport Internazzjonali tal-Gass, fil-verżjoni aġġornata tiegħu;

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.1(a) (adattat)

(18) “Regolamenti dwar ir-Radju” tfisser ir-regolamenti dwar ir-radju annessi, jew meqjusin li huma annessi għall-Konvenzjoni dwar it-Telekomunikazzjoni Internazzjonali, kif emendata;

(19) “bastiment tal-passiġġieri” tfisser bastiment kif definit fil-Konvenzjoni Internazzjonali ⌦ tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) ⌫ għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, 1974 (SOLAS 74), kif emendata;

---

🡻 2008/106/KE (adattat)

(20) “bastiment tas-sajd” tfisser bastiment użat għall-qbid ta’ ħut jew ta’ riżorsi ħajjin oħra tal-baħar;

(21) “Konvenzjoni STCW” tfisser il-Konvenzjoni ⌦ Internazzjonali tal-IMO ⌫ dwar Standards ta’ Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għal Baħħara tal-1978, kif tapplika għal materji kkonċernati filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet transitorji tal-Artikolu VII u r-Regolament 1/15 tal-Konvenzjoni u inklużi, fejn ikun xieraq, id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi STCW, kollha applikabbli fil-verżjonijiet aġġornati tagħhom;

(22) “xogħlijiet tar-radju” tinkludi, skond kif ikun xieraq, l-għassa u l-manutenzjoni teknika u t-tiswijiet imwettqa skond ir-Regolamenti tar-Radju, SOLAS 74 u, fid-diskrezzjoni ta’ kull Stat Membru, ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-IMO, fil-verżjonijiet aġġornati tagħhom;

(23) “vapur tal-passiġġieri ro-ro” tfisser vapur tal-passiġġeri bi spazji ro-ro għall-merkanzija jew spazji ta’ kategorija speċjali kif definit fis-SOLAS 74, fil-verżjoni aġġornata tagħha;

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.1(b) (adattat)

(24) “Kodiċi STCW” tfisser il-Kodiċi tat-Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa tal-Baħħara (STCW) kif adottat bir-Riżoluzzjoni 2 tal-Konferenza tal-1995 ⌦ tal-Partijiet tal-Konvenzjoni STCW ⌫, fil-verżjoni aġġornata tagħha;

---

🡻 2008/106/KE

(25) “funzjoni” tfisser grupp ta’ xogħlijiet, dmirijiet u responsabbiltajiet, kif speċifikat fil-Kodiċi STCW, meħtieġa għat-tħaddim tal-vapuri, is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar jew il-protezzjoni tal-ambjent marittimu;

(26) “kumpanija” tfisser is-sid tal-vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra bħall-amministratur jew il-kerrej tal-bastiment mingħajr ekwipaġġ li jkun ħa r-responsabbiltà għat-tħaddim tal-vapur mingħand is-sid tal-vapur u li, meta jkun ħa din ir-responsabbiltà, ikun qabel li jimxi mal-obbligi u r-responsabbiltajiet imposti fuq il-kumpanija b’din id-Direttiva;

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.1(d)

(27) “Servizz ta’ tbaħħir” tfisser servizz abbord bastiment rilevanti għall-ħruġ jew il-validazzjoni mill-ġdid ta’ ċertifikat ta’ kompetenza, ċertifikat ta’ profiċjenza jew kwalifiki oħra;

---

🡻 2008/106/KE

(28) “approvat” tfisser approvat mill-Istat Membru skont din id-Direttiva;

(29) “pajjiż terz” tfisser kwalunkwe pajjiż li ma jkunx Stat Membru;

(30) “xahar” tfisser xahar tal-kalendarju jew 30 ġurnata magħmulin minn perijodi ta’ inqas minn xahar;

---

▼ 2012/35/UE Art. 1.1(e) (adattat)

(31) “operatur tar-radju GMDSS” tfisser persuna kkwalifikata skont il-Kapitolu IV tal-Anness I;

(32) “Kodiċi ISPS” tfisser il-Kodiċi Internazzjonali ta’ Sigurtà għall-Bastimenti u Portijiet adottat fit-12 ta’ Diċembru 2002, permezz tar-riżoluzzjoni 2 tal-Konferenza tal-Gvernijiet Kontraenti għas-SOLAS 74, fil-verżjoni aġġornata tagħha;

(33) “uffiċjal tas-sigurtà tal-bastiment” tfisser persuna abbord bastiment, li twieġeb għall-kaptan, maħtura mill-kumpannija bħala responsabbli għas-sigurtà tal-bastiment inklużi l-implimentazzjoni u ż-żamma tal-pjan ta’ sigurtà tal-bastiment u l-kollegament mal-uffiċjal tas-sigurtà tal-kumpannija u l-uffiċjali tas-sigurtà tal-faċilità tal-port;

(34) “kompiti tas-sigurtà” jinkludu l-kompiti kollha ta’ sigurtà abbord il-bastimenti kif definit fil-Kapitolu XI/2 tas-SOLAS 74, kif emendata, u mill-Kodiċi ISPS;

(35) “ċertifikat ta’ kompetenza” tfisser ċertifikat maħruġ u approvat għall-kaptani, l-uffiċjali u l-operaturi tar-radju GMDSS skont il-Kapitoli II, III, IV ⌦ , V ⌫ jew VII tal-Anness I u li jintitola d-detentur legali tiegħu iservi fil-kapaċità u jwettaq il-funzjonijiet involuti fil-livell ta’ responsabbiltà speċifikat fih;

(36) “ċertifikat ta’ profiċjenza” tfisser ċertifikat minbarra ċertifikat ta’ kompetenza maħruġ lil baħħar li jiddikjara li r-rekwiżiti rilevanti tat-taħriġ, il-kompetenzi jew is-servizz tat-tbaħħir f’din id-Direttiva ġew sodisfatti;

(37) “evidenza dokumentarja” tfisser dokumentazzjoni, minbarra ċertifikat ta’ kompetenza jew ċertifikat ta’ profiċjenza, użata biex tistabbilixxi li r-rekwiżiti rilevanti ta’ din id-Direttiva ġew sodisfatti;

(38) “uffiċjal elettrotekniku” tfisser uffiċjal kwalifikat skont il-Kapitolu III tal-Anness I;

(39) “baħħar awtorizzat tal-gverta” tfisser baħri kwalifikat skont il-Kapitolu II tal-Anness I;

(40) “baħħar awtorizzat tal-magni” tfisser baħri kwalifikat skont il-Kapitolu III tal-Anness I;

(41) “baħri elettrotekniku” tfisser baħri kwalifikat skont il-Kapitolu III tal-Anness I;

---

▼ (UE) 2019/1159 Art. 1.1 (adattat)

(42) “Stat Membru ospitanti” tfisser l-Istat Membru ⌦ fejn ⌫ il-baħħara jfittxu aċċettazzjoni jew rikonoxximent taċ-ċertifikati ta' kompetenza, iċ-ċertifikati ta' profiċjenza jew il-prova dokumentata tagħhom;

(43) “Kodiċi tal-IGF” tfisser il-Kodiċi Internazzjoni tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti b'Punt ta' Fjammabilità Baxx, kif definit fir-Regolament II-1/2.29 tas-SOLAS 74;

(44) "Kodiċi Polari" tfisser il-Kodiċi Internazzjonali għal Vapuri li Joperaw f'Ibħra Polari, kif definit fir-Regolament XIV/1.1 tas-SOLAS 74;

(45) "Ibħra polari" tfisser l-ibħra Artiċi u/jew iż-żona tal-Antartiku, kif definit fir-Regolamenti XIV/1.2, XIV/1.3 u XIV/1.4 ta' SOLAS 74.

---

▼ 2008/106/KE

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

---

▼ (UE) 2019/1159 Art. 1.2(a)

1. Din id-Direttiva tapplika għall-baħħara msemmija f'din id-Direttiva li jservu fuq vapuri tat-tbaħħir li jtajru bandiera ta' Stat Membru bl-eċċezzjoni ta':

---

▼ 2008/106/KE

(a) vapuri tal-gwerra, awżiljarji navali jew vapuri oħra li jkunu il-proprjetà jew imħaddma minn Stat Membru u li jkunu involuti biss għal servizzi mhux kummerċjali tal-Gvern;

(b) dgħajjes tas-sajd;

(c) dgħajjes tal-pjaċir mhux użati fil-kummerċ;

(d) vapuri tal-injam ta' struttura primittiva.

---

▼ (UE) 2019/1159 Art. 1.2(b)

2. L-Artikolu 6 japplika għall-baħħara fil-pussess ta' ċertifikat maħruġ minn Stat Membru, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom.

---

▼ 2008/106/KE

*Artikolu 3*

**Taħriġ u ċertifikazzjoni**

---

▼ 2012/35/UE Art. 1.2 (adattat)

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-baħħara li jservu abbord bastimenti kif imsemmi fl-Artikolu 2 ikunu mħarrġa bħala minimu skont ir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW, kif stabbilit fl-Anness I għal din id-Direttiva, u jkollhom ċertifikati kif definit fil-punti (35) u (36) tal-Artikolu 1, u/jew evidenza dokumentata kif definit fil-punt (37) tal-Artikolu 1.

↓ 2008/106/KE

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-membri tal-ekwipaġġ li għandhom ikunu ċċertifikati skond ir-Regolament III/10.4 tas-SOLAS 74 jiġu mħarrġa u ċċertifikati skond din id-Direttiva.

↓ 2008/106/KE

*Artikolu 4*

↓ 2012/35/UE Art. 1.4(a)

**Ċertifikati ta' kompetenza, ċertifikati ta' profiċjenza u approvazzjonijiet**

↓ 2012/35/UE Art. 1.4(b)

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikati ta' kompetenza u ċertifikati ta' profiċjenza jinħarġu biss lil kandidati li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

↓ 2008/106/KE

2. Iċ-ċertifikati ta' kaptani, uffiċjali u operaturi tar-radju għandhom jiġu approvati mill-Istat Membru kif previst f'dan l-Artikolu.

↓ 2012/35/UE Art. 1.4(c)

3. Iċ-ċertifikati ta' kompetenza u ċ-ċertifikati ta' profiċjenza għandhom jinħarġu skont il-paragrafu 3 tar-Regolament I/2, tal-Anness għall-Konvenzjoni STCW.

↓ 2012/35/UE Art. 1.4(d)

4. Iċ-ċertifikati ta' kompetenza għandhom jinħarġu biss mill-Istati Membri, wara verifika tal-awtentiċità u l-validità ta' kwalunkwe evidenza dokumentata meħtieġa u skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

↓ 2008/106/KE

5. Fir-rigward ta' operaturi tar-radju, l-Istati Membri jistgħu:

(a) jinkludu l-għarfien żejjed meħtieġ mir-regolamenti rilevanti fl-eżami għall-ħruġ ta' ċertifikat konformi mar-Regolamenti tar-Radju; jew

(b) joħorġu ċertifikat separat li jindika li d-detentur għandu l-għarfien addizzjonali meħtieġ mir-regolamenti rilevanti.

6. Fuq id-diskrezzjoni ta' Stat Membru, l-approvazzjonijiet jistgħu jiġu inkorporati fil-format taċ-ċertifikati maħruġa kif previst fit-Taqsima A-I/2 tal-Kodiċi STCW. Jekk ikunu inkorporati b'dak il-mod, il-format użat għandu jkun dak stabbilit fit-Taqsima A-I/2 paragrafu 1. Jekk maħruġa b'mod ieħor, il-forma tal-approvazzjoni użata għandha tkun dik stabbilita

fil-paragrafu 2 ta' dik it-Taqsima. L-approvazzjonijiet għandhom jinħarġu skond il-paragrafu 2 tal-Artikolu VI tal-Konvenzjoni STCW.

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.4(e)

L-approvazzjonijiet li jaffermaw il-ħruġ ta' ċertifikat ta' kompetenza u approvazzjonijiet li jattestaw ċertifikat ta' profiċjenza lill-kaptani u lill-uffiċjali skont ir-Regolamenti V/1-1 u V/1-2 tal-Anness I għandhom jinħarġu biss jekk ikun hemm konformità mar-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni STCW u ta' din id-Direttiva.

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.4(f) (adattat)

7. Stat Membru li jirrikonoxxi ċertifikat ta' kompetenza, jew ċertifikat ta' profiċjenza maħruġ lill-kaptani u lill-uffiċjali skont ir-Regolamenti V/1-1 u V/1-2 tal-Anness għall-Konvenzjoni STCW skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(2) ta' din id-Direttiva għandu japprova dak iċ-ċertifikat biex jiddikkjara r-rikonoxximent tiegħu biss wara li jiżgura l-awtentiċità u l-validità taċ-ċertifikat. Il-forma tal-approvazzjoni użata għandha tkun dik stabbilita fil-paragrafu 3 tat-Taqsima A-I/2 tal-Kodiċi STCW.

8. L-approvazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 6 u 7:

(a) jistgħu jinħarġu bħala dokumenti separati;

(b) għandhom jinħarġu ⌦ biss ⌫ mill-Istati Membri;

(c) kull wieħed minnhom għandu jiġi assenjat numru uniku, ħlief għall-approvazzjonijiet li jaffermaw il-ħruġ ta' ċertifikat ta' kompetenza, li jistgħu jiġu assenjati l-istess numru bħal dak taċ-ċertifikat ta' kompetenza konċernat, sakemm dak in-numru ikun uniku;

(d) għandu jiskadi kull wieħed minnhom malli ċ-ċertifikat approvat ta' kompetenza jew iċ-ċertifikat ta' profiċjenza approvat maħruġ lill-kaptani u lill-uffiċjali skont ir-Regolamenti V/1-1 u V/1-2 tal-Anness għall-Konvenzjoni STCW jiskadi jew jiġi rtirat, sospiż jew ikkanċellat mill-Istat Membru jew mill-pajjiż terz li ħarġu u, fi kwalunkwe każ, fi żmien ħames snin mid-data tal-ħruġ tiegħu.

---

🡻 2008/106/KE (adattat)

9. Il-kapaċità li fiha d-detentur taċ-ċertifikat ikun awtorizzat biex iservi għandha tkun identifikata f'forma ta' approvazzjoni f'termini identiċi għal dawk użati fir-rekwiżiti applikabbli għat-tgħammir sikur tal-Istat Membru kkonċernat.

10. Stat Membru jista' juża format ⌦ li jkun ⌫ differenti mill-format stabbilit fit-Taqsima A-I/2 tal-kodiċi STCW, bil-kondizzjoni li, bħala minimu, l-informazzjoni meħtieġa tkun provduta f'karattri Rumani u figuri Għarab, waqt li jitqiesu l-varjazzjonijiet permessi skont it-Taqsima A-I/2.

---

🡻 (UE) 2019/1159 Art. 1.3(a)

11. Soġġett għall-Artikolu 20(7), kwalunkwe ċertifikat meħtieġ b'din id-Direttiva għandu jinżamm disponibbli fil-forma oriġinali tiegħu abbord il-vapur li fuqu id-detentur jagħti s-servizz tiegħu, f'forma stampata jew f'format diġitali, li l-awtentiċità u l-validità tiegħu

jistgħu jiġu verifikati skont il-proċedura stipulata fil-punt (b) tal-paragrafu 13 ta' dan l-Artikolu.

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.4(g) (adattat)

12. Il-kandidati għaċ-ċertifikazzjoni għandhom jipprovdu prova sodisfaċenti:

(a) tal-identità tagħhom;

(b) li l-età tagħhom mhijiex inqas minn dik preskritta fir-Regolamenti elenkati fl-Anness I rilevanti għaċ-ċertifikat ta' kompetenza jew iċ-ċertifikat ta' proficjenza li tkun saret applikazzjoni għalih;

(c) li huma jissodisfaw l-istandards ta' idoneità medika, speċifikati fit-Taqsima A-I/9 tal-Kodiċi STCW;

(d) li huma jkunu kkompletaw is-servizz tat-tbaħħir u kwalunkwe taħriġ obbligatorju relatat preskritt fir-Regolamenti elenkati fl-Anness I għaċ-ċertifikat ta' kompetenza jew għaċ-ċertifikat ta' proficjenza li għalih tkun saret applikazzjoni;

(e) li huma jissodisfaw l-istandards ta' kompetenza preskritti fir-Regolamenti elenkati fl-Anness I għall-kapaċitajiet, il-funzjonijiet u l-livelli li jridu jiġu identifikati fl-approvazzjoni taċ-ċertifikat ta' kompetenza.

Dan il-paragrafuma għandux japplika għa ⌦ r- ⌫ rikonoxximent ta' approvazzjonijiet skont ir-Regolament I/10 tal-Konvenzjoni STCW.

13. Kull Stat Membru għandu jimpenja ruħu biex:

(a) iżomm reġistru jew reġistri taċ-ċertifikati ta' kompetenza u ta' proficjenza u l-approvazzjonijiet kollha għall-kaptani u l-uffiċjali u, fejn applikabbli, għall-baħrin, li jinħarġu, li jkunu skadew jew li jkunu ġew validati mill-ġdid, sospiżi, kanċellati jew irrapportati bħala mitlufa jew meqruda kif ukoll ta' dispensi maħruġa;

(b) jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar l-istatus ta' ċertifikati ta' kompetenza, approvazzjonijiet u dispensi lil Stati Membri oħra jew lil Partijiet oħra għall-Konvenzjoni STCW u l-kumpaniji li jitolbu verifika tal-awtentiċità u l-validità taċ-ċertifikati ta' kompetenza u/jew iċ-ċertifikati maħruġa lill-kaptani u lill-uffiċjali skont ir-Regolamenti V/1-1 u V/1-2 tal-Anness 1 mogħtija lilhom mill-baħħara li jfittxu rikonoxximent skont ir-Regolament I/10 tal-Konvenzjoni STCW jew impjieg abbord bastiment.

---

🡻 (UE) 2019/1159 Art. 1.3(b)

14. Meta emendi rilevanti għall-Konvenzjoni STCW u l-Parti A tal-Kodiċi STCW relatati maċ-ċertifikati diġitali għall-baħħara jidħlu fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex temenda din id-Direttiva billi tallinja d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tagħha ma' dawk l-emendi għall-Konvenzjoni STCW u l-Parti A tal-Kodiċi STCW sabiex iċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet tal-baħħara jiġu diġitalizzati.

▼ (UE) 2019/1159 Art. 1.4 (adattat)

*Artikolu 5*

**Informazzjoni lill-Kummissjoni**

Għall-finijiet tal-Artikoli 21(8) u 22(2) u esklużivament għall-użu mill-Istati Membri u l-Kummissjoni għat-tfassil tal-politika u għal finijiet ta' statistika, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, fuq bażi annwali, l-informazzjoni elenkata fl-Anness III għal din id-Direttiva dwar ċertifikati ta' kompetenza u approvazzjonijiet li jaffermaw ir-rikonoxximent taċ-ċertifikati ta' kompetenza. Jistgħu jipprovdu wkoll, fuq bażi volontarja, informazzjoni dwar ċertifikati ta' profiċjenza maħruġa lil baħrin f'konformità mal-Kapitoli II, III, u VII tal-Anness għall-Konvenzjoni STCW, bħall-informazzjoni indikata fl-Anness III għal din id-Direttiva.

▼ (UE) 2019/1159 Art. 1.5 (adattat)

*Artikolu 6*

**Ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri**

1. Kull Stat Membru għandu jaċċetta ċ-ċertifikati ta' profiċjenza u l-prova dokumentata maħruġa minn Stat Membru ieħor, jew taħt l-awtorità tiegħu, f'forma stampata jew f'format diġitali, bl-iskop li jkun possibbli li l-baħħara jservu fuq vapuri li jtajru l-bandiera tiegħu.

2. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi ċ-ċertifikati ta' kompetenza maħruġa minn Stat Membru ieħor jew iċ-ċertifikati ta' profiċjenza maħruġa minn Stat Membru ieħor lill-kaptani u lill-uffiċjali skont ir-Regolamenti V/1-1 u V/1-2 tal-Anness I għal din id-Direttiva, billi japprova dawk iċ-ċertifikati biex jaffermaw ir-rikonoxximent tagħhom. L-approvazzjoni li tafferma r-rikonoxximent għandha tkun limitata għall-kapaċitajiet, il-funzjonijiet u l-livelli ta' kompetenza jew profiċjenza preskritti fihom. L-approvazzjoni għandha tinħareġ biss jekk ikunu ssodisfati r-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni STCW, skont ir-Regolament I/2, il-paragrafu 7 tal-Konvenzjoni STCW. Il-forma tal-approvazzjoni użata għandha tkun dik stabbilita fit-Taqsima A-I/2il-paragrafu 3, tal-Kodiċi STCW.

3. Kull Stat Membru għandu jaċċetta ċertifikati mediċi maħruġa taħt l-awtorità ta' Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 12 sabiex il-baħħara jkunu jistgħu jservu fuq vapuri li jtajru l-bandiera tiegħu.

4. L-Istati Membri ospitanti għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 jinħarġu fi żmien raġonevoli. L-Istati Membri ospitanti għandhom jiżguraw ukoll li l-baħħara jkollhom id-dritt għal appell kontra kull ċaħda ta' approvazzjoni jew aċċettazzjoni ta' ċertifikat validu, jew in-nuqqas ta' kwalunkwe risposta, skont il-leġislazzjoni u l-proċeduri nazzjonali u li l-baħħara jiġu pprovduti b'konsulenza u għajnuna adegwata fir-rigward ta' appelli bħal dawn f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali stabbiliti.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti jistgħu jimponu iktar limitazzjonijiet fuq il-kapaċitajiet, il-funzjonijiet u l-livelli ta' kompetenza jew profiċjenza marbuta ma' vjaġġi qrib ix-xatt, kif imsemmi fl-Artikolu 8, jew fuq ċertifikati alternattivi maħruġa skont ir-Regolament VII/1 tal-Anness I.

6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, Stat Membru ospitanti jista', fejn ikun hemm bżonn, jippermetti li baħħar iservi għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet xhur fuq vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu, filwaqt li jkollu fil-pussess tiegħu ċertifikat xieraq u validu maħruġ u approvat minn Stat Membru ieħor, iżda li jkun għadu mhux approvat għar-rikonoxximent mill-Istat Membru ospitanti konċernat.

Għandu jkun hemm faċilment disponibbli prova dokumentata li applikazzjoni għall-approvazzjoni tressqet lill-awtoritajiet kompetenti.

7. Stat Membru ospitanti għandu jiżgura li baħħara li jippreżentaw għar-rikonoxximent ċertifikati għal funzjonijiet fil-livell maniġerjali jkollhom għarfien xieraq tal-leġiżlazzjoni marittima ta' dak l-Istat Membru li tkun rilevanti għall-funzjonijiet li huma jkunu permessi li jwettqu.

---

🡻 2008/106/KE

*Artikolu 7*

**Rekwiżiti tat-taħriġ**

It-taħriġ meħtieġ skond l-Artikolu 3 għandu jkun f'forma xierqa għall-għarfien teoretiku u l-abilitajiet prattiċi meħtieġa mill-Anness I, b'mod partikolari l-użu ta' tagħmir li jsalva l-ħajja u ta' tifi tan-nar, u approvat mill-awtorità jew organizzazzjoni kompetenti nnominata minn kull Stat Membru.

*Artikolu 8*

**Prinċipji li jirregolaw vjaġġi qrib ix-xatt**

1. Meta jiddefinixxu vjaġġi qrib ix-xatt, l-Istati Membri m'għandhomx jimponu rekwiżiti ta' taħriġ, esperjenza jew ċertifikazzjoni fuq baħħara li jagħtu servizz abbord vapuri intitolati li jtajjru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor jew ta' Parti oħra tal-Konvenzjoni STCW u li jkunu involuti fi vjaġġi bħal dawn b'mod li jirriżultaw f'rekwiżiti aktar stretti għal dawk il-baħħara milli għal baħħara li jagħtu servizz fuq vapuri li huma intitolati li jtajjru l-bandiera tagħhom stess. Fl-ebda każ ma jista' Stat Membru jimponi rekwiżiti fir-rigward ta' baħħara li jagħtu servizz fuq vapuri li jtajjru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor jew ta' Parti oħra tal-Konvenzjoni STCW li jkunu aktar minn dawk ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' vapuri mhux involuti fi vjaġġi qrib ix-xatt.

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.6(a) (adattat)

2. Stat Membru, ⌦ li ⌫ fir-rigward ta' bastimenti mogħtija l-benefiċċji tad-dispożizzjonijiet dwar il-vjaġġi qrib ix-xatt tal-Konvenzjoni STCW, jinkludi vjaġġi qrib ix-xtut ta' Stati Membri jew ta' Partijiet oħra għall-Konvenzjoni STCW fil-limiti tad-definizzjoni ⌦ tiegħu ⌫ ta' ⌦ vjaġġi ⌫ qrib ix-xatt, għandu jilħaq ftehim mal-Istati Membri jew il-Partijiet konċernati li jispeċifika kemm id-dettalji taż-żoni ta' kummerċ involuti u dispożizzjonijiet oħra rilevanti.

---

🡻 2008/106/KE (adattat)

3. Fir-rigward ta' vapuri intitolati li jtajjru l-bandiera ta' Stat Membru involuti b'mod regolari fi vjaġġi qrib ix-xatt 'il barra mix-xtut ta' Stat Membru ieħor jew ta' Parti oħra

tal-Konvenzjoni STCW, l-Istat Membru li tiegħu il-vapur ikun intitolat itajjar il-bandiera għandu jippreskrivi rekwiżiti ta'taħriġ,esperjenza u ta' ċertifikazzjoni għall-baħħara li jagħtu servizz fuq dawk il-vapuri li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk tal-Istat Membru jew tal-Parti għall-Konvenzjoni STCW li'il barra mix-xtut tagħhom ikun jopera il-vapur, bil-kondizzjoni li ma jisbqux ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' vapuri mhux involuti fi vjaġġi qrib ix-xatt. Il-baħħara li jagħtu servizz fuq vapur li jestendi l-vjaġġ tiegħu lil hinn minn dak li huwa ddefinit bħala vjaġġ qrib ix-xatt minn Stat Membru u li jidħol f'ilmijiet mhux koperti minn dik id-definizzjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti xierqa ta' din id-Direttiva.

4. Stat Membru jista' jippermetti lil vapur li jkun intitolat itajjar il-bandiera tiegħu il-benefiċċji tad-dispożizzjonijiet għal vjaġġi qrib ix-xatt ta' din id-Direttiva meta dan ikun involut b'mod regolari barra x-xtut ta' stat li ma jagħmilx Parti mill-Konvenzjoni STCW fi vjaġġi qrib ix-xatt kif definit minn dak l-Istat Membru.

---

| ↓ 2012/35/UE Art. 1.6(b) (adattat) |
|---|

5. Iċ-ċertifikati ta' kompetenza tal-baħħara maħruġa minn Stat Membru jew Parti għall-Konvenzjoni STCW għal-limiti definiti tiegħu tal-vjaġġi qrib ix-xatt jistgħu jiġu aċċettati minn Stati Membri oħra għas-servizzi fil-limiti definiti tagħhom ta' vjaġġi qrib ix-xatt, sakemm l-Istati Membri jew il-Partijiet konċernati jilħqu ftehim li jispeċifika d-dettalji taż-żoni ta' kummerċ involuti u kondizzjonijiet oħra rilevanti tagħhom.

6. L-Istati Membri li jiddefinixxu l-vjaġġi qrib ix-xatt, skont ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, għandhom:

(a) jissodisfaw il-prinċipji li jirregolaw il-vjaġġi qrib il-xatt speċifikati fit-Taqsima A-I/3 tal-Kodiċi STCW;

(b) jinkorporaw il-limiti tal-vjaġġi qrib ix-xatt fl-approvazzjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 4.

---

| ↓ 2008/106/KE |
|---|

7. Malli jiddeċiedu dwar id-definizzjoni ta' vjaġġi qrib ix-xatt u l-kondizzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ meħtieġa minnhom skond ir-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 3 u 4, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dettalji tad-dispożizzjonijiet li huma jkunu adottaw.

*Artikolu 9*

**Prevenzjoni ta' frodi u prattiċi illegali oħra**

---

| ↓ 2012/35/UE Art. 1.7 |
|---|

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu u jinfurzaw il-miżuri adatti biex jipprevjenu l-frodi u prattiki illegali oħra li jinvolvu ċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet maħruġa, u għandhom jipprevedu pieni li huma effettivi, proporzjonati u dissważivi.

🡻 2008/106/KE

2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jikxfu u jiġġieldu l-frodi u prattiki oħra illegali u jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi terzi dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara.

L-Istati Membri għandhom immedjatament jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bid-dettalji ta' dawk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

L-Istati Membri għandhom immedjatament ukoll jinfurmaw lil kwalunkwe pajjiż terz li miegħu jkunu daħlu f'xi ftehim skond ir-Regolament I/10, paragrafu 1.2 tal-Konvenzjoni STCW bid-dettalji ta' dawk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

3. Fuq talba ta' Stat Membru ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor għandhom jipprovdu konferma jew ċaħda bil-miktub tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-baħħara, tal-approvazzjonijiet korrispondenti jew ta' kwalunkwe prova dokumentarja oħra ta' taħriġ maħruġa f'dak l-Istat Membru l-ieħor.

*Artikolu 10*

**Pieni jew miżuri dixxiplinarji**

🡻 2012/35/UE Art. 1.8(a) (adattat)

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċessi u proċeduri għall-investigazzjoni imparzjali ta' kwalunkwe inkompetenza, att, ommissjoni jew kompromess tas-sigurtà li jiġu rappurtati u li jistgħu jkunu theddida diretta għas-sikurezza tal-ħajja jew tal-proprjetà fuq il-baħar jew għall-ambjent tal-baħar min-naħa tad-detenturi ta' ċertifikati ta' kompetenza u ċertifikati ta' profiċjenza jew ta' approvazzjonijiet maħruġa minn dak l-Istat Membru marbuta mat-twettiq tagħhom tad-dmirijiet relatati maċ-ċertifikati ta' kompetenza u ċertifikati ta' profiċjenza tagħhom u għall-irtirar, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni ta' dawk iċ-ċertifikati ta' kompetenza u ċertifikati ta' profiċjenza għal dik il-kawża u għall-prevenzjoni tal-frodi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu u jinfurzaw miżuri adatti għall-prevenzjoni tal-frodi u prattiki oħra illegali li jinvolvu ċ-ċertifikati ta' kompetenza u ċ-ċertifikati ta' profiċjenza u l-approvazzjonijiet maħruġin.

🡻 2008/106/KE
➔1 2012/35/UE Art. 1.8(b)

3. ➔1 Għandhom jiġu preskritti u infurzati pieni jew miżuri dixxiplinari f'każijiet fejn: 🡸

(a) kumpanija jew kaptan ikunu ingaġġaw persuna li ma jkollhiex ċertifikat kif meħtieġ b'din id-Direttiva;

(b) kaptan ikun ħalla li kwalunkwe funzjoni jew servizz fi kwalunkwe kapaċità li skond din id-Direttiva għandha titwettaq minn persuna li jkollha ċertifikat xieraq, titwettaq minn persuna li ma jkollhiex iċ-ċertifikat meħtieġ, dispensa valida jew li ma jkollhiex evidenza bil-miktub meħtieġa mill-Artikolu 20(7); jew

(c) persuna tkun kisbet impjieg bi frodi jew billi ffalsifikat dokumenti biex taqdi kwalunkwe funzjoni jew biex tagħti servizz fi kwalunkwe kapaċità li skond din id-Direttiva għandha ssir jew titwettaq minn persuna li jkollha ċertifikat jew dipensa.

4. L-Istati Membri li fil-ġurisdizzjoni tagħhom tkun tinsab kwalunkwe kumpanija, jew kwalunkwe persuna, li tkun maħsuba għal raġunijiet ċari li kienet responsabbli għal nuqqas ta' konformità apparenti ma' din id-Direttiva speċifikata fil-paragrafu 3, jew li kienet taf biha, għandhom jestendu l-kooperazzjoni lejn kwalunkwe Stat Membru jew Parti oħra għall-Konvenzjoni STCW li javżahom bl-intenzjoni tiegħu li jibda proċeduri skond il-ġurisdizzjoni tiegħu.

*Artikolu 11*

**Standards ta' kwalità**

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li:

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.9(a)

(a) l-attivitajiet kollha ta' taħriġ, valutazzjoni tal-kompetenza, ċertifikazzjoni, inkluż ċertifikazzjoni medika, approvazzjoni u validazzjoni mill-ġdid imwettqa minn aġenziji jew entitajiet mhux governattivi jew entitajiet taħt l-awtorità tagħhom huma monitorjati kontinwament permezz ta' sistema ta' standards tal-kwalità sabiex ikun żgurat li jinkisbu għanijiet definiti, inklużi dawk li jikkonċernaw il-kwalifiki u l-esperjenza tal-istrutturi u l-valutaturi, f'konformità mat-Taqsima A-I/8 tal-Kodiċi STCW;

(b) fejn aġenziji jew entitajiet governattivi iwettqu attivitajiet bħal dawn, ikun hemm sistema ta' standards tal-kwalità f'konformità mat-Taqsima A-I/8 tal-Kodiċi STCW;

(c) l-għanijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-istandards relatati tal-kwalità tal-kompetenza li jridu jinkisbu huma definiti f'mod ċar u li l-livelli ta' għarfien, fehim u ħiliet adatti għall-eżamijiet u l-valutazzjonijiet meħtieġa taħt il-Konvenzjoni STCW huma identifikati;

---

🡻 2008/106/KE (adattat)

(d) l-oqsma ta' applikazzjoni tal-istandards ta' kwalità jkopru l-amministrazzjoni tas-sistema ta' ċertifikazzjoni, il-korsijiet ta' taħriġ u l-programmi, l-eżamijiet u l-valutazzjonijiet kollha mwettqa minn jew taħt l-awtorità ta' kull Stat Membru u l-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa minn għalliema u assessuri, filwaqt li jitqiesu l-politika, is-sistemi, il-kontrolli u r-reviżjonijiet interni tal-assigurazzjoni tal-kwalità stabbiliti biex jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet definiti.

L-għanijiet u l-istandards tal-kwalità relatati msemmijin fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu jistgħu jiġu speċifikati separatament għal korsijiet u programmi ta' taħriġ differenti u għandhom ikopru l-amministrazzjoni tas-sistema ta' ċertifikazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw li evalwazzjonijiet indipendenti tal-għarfien, il-fehim, l-abbiltajiet u l-kisba tal-kompetenza u attivitajiet ta' valutazzjoni u tal-amministrazzjoni tas-sistema ta' ċertifikazzjoni jiġu mwettqa f'intervalli ta' mhux aktar minn ħames snin minn persuni kkwalifikati li ma jkunux huma stess involuti fl-attivitajiet ikkonċernati sabiex jivverifikaw li:

(a) il-miżuri interni kollha ta' kontroll u ta' monitoraġġ tal-amministrazzjoni u l-azzjonijiet ta' segwitu jkunu f'konformità mal-arranġamenti ppjanati u l-proċeduri ta' dokumentazzjoni u li jkunu effettivi biex jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet definiti;

(b) ir-riżultati ta' kull evalwazzjoni indipendenti jiġu ddokumentati u miġjuba għall-attenzjoni ta' dawk responsabbli għaż-żona evalwata;

(c) tittieħed azzjoni fil-ħin biex tikkoreġi d-defiċjenzi;

---

▼ 2012/35/UE Art. 1.9(b)

(d) id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tal-Konvenzjoni u l-Kodiċi STCW, inklużi l-emendi, huma koperti mis-sistema tal-istandards ta' kwalità. L-Istati Membri jistgħu wkoll jinkludu f'din is-sistema d-dispożizzjonijiet l-oħra applikabbli ta' din id-Direttiva.

---

▼ 2012/35/UE Art. 1.9(c) (adattat)

3. L-Istat Membru ikkonċernat għandu jikkomunika lill-Kummissjoni, rapport relatat ma' kull evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 2 ⌦ ta' dan l-Artikolu ⌫, skont il-format speċifikat fit-Taqsima A-I/7 tal-Kodiċi STCW, fi żmien sitt xhur mid-data tal-evalwazzjoni.

---

▼ 2012/35/UE Art. 1.10 (adattat)

*Artikolu 12*

**Standards mediċi**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi standards ta' idoneità medika għall-baħħara u proċeduri għall-ħruġ ta' ċertifikat mediku skont dan l-Artikolu u t-Taqsima A-I/9 tal-Kodiċi STCW, filwaqt li jittieħed kont, kif xieraq, tat-Taqsima B-I/9 tal-Kodiċi STCW.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li dawk responsabbli għall-valutazzjoni tal-idoneità medika tal-baħħara jkunu professjonisti mediċi rikonoxxuti minn dak l-Istat Membru għall-fini ta' eżamijiet mediċi tal-baħħara, skont it-Taqsima A-I/9 tal-Kodiċi STCW.

3. Kull baħħar li għandu ċertifikat ta' kompetenza jew ċertifikat ta' profiċjenza maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni STCW li jkun qed iservi fuq il-baħar għandu jkollu wkoll ċertifikat mediku validu maħruġ skont dan l-Artikolu u t-Taqsima A-I/9 tal-Kodiċi STCW.

4. Il-kandidati għaċ-ċertifikazzjoni medika għandhom:

(a) ikollhom mhux inqas minn 16-il sena;

(b) jipprovdu prova sodisfaċenti tal-identità tagħhom;

(c) jilħqu l-istandards applikabbli tal-idoneità medika stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat.

5. Iċ-ċertifikati mediċi għandhom jibqgħu validi għal perijodu massimu ta' sentejn sakemm il-baħħar ma jkunx ta' età taħt it-18-il sena, f'liema każ il-perijodu massimu ta' validità għandu jkun ta' sena.

6. Jekk il-perijodu ta' validità ta' ċertifikat mediku jiskadi matul vjaġġ, għandu japplika ir-Regolament I/9 tal-Anness għall-Konvenzjoni STCW.

7. F'każijiet urġenti Stat Membru jista' jippermetti li baħħar jaħdem mingħajr ċertifikat mediku validu. F'dawk il-każijiet, għandu japplika ir-Regolament I/9 tal-Anness għall-Konvenzjoni STCW.

↓ 2008/106/KE

*Artikolu 13*

↓ 2012/35/UE Art. 1.11(a)

**Validazzjoni mill-ġdid taċ-ċertifikati ta' kompetenza u ċ-ċertifikati ta' profiċjenza**

↓ (UE) 2019/1159 Art. 1.6(a) (adattat)

1. Kull kaptan, uffiċjal u operatur tar-radju fil-pussess ta' ċertifikat maħruġ jew rikonoxxut skont kwalunkwe Kapitolu tal-Anness I għajr ir-Regolament V/3 tal-Kapitolu VI jew il-Kapitolu VI, li jkun qiegħed iservi fuq il-baħar jew biħsiebu jerġa' lura fuq il-baħar wara perijodu fuq l-art għandu, sabiex ikompli jikkwalifika għas-servizz fuq il-baħar, ikun meħtieġ f'intervalli ta' mhux aktar minn ħames snin li:

(a) jissodisfa l-istandards ta' saħħa medika preskritti mill-Artikolu 12;

(b) jistabbilixxi kompetenza professjonali kontinwa skont it-Taqsima A-I/11 tal-Kodiċi STCW.

↓ 2008/106/KE (adattat)

2. Sabiex ikompli jagħti servizz ta' tbaħħir abbord vapuri li dwarhom ikun sar qbil internazzjonali dwar rekwiżiti ta' taħriġ speċjali, kull kaptan, uffiċjal u operatur tar-radju għandu jtemm b'suċċess it-taħriġ rilevanti approvat.

↓ 2012/35/UE Art. 1.11(b) (adattat)

3. Sabiex ikompli jagħti servizz ta' tbaħħir abbord tankers, kull kaptan ⌦ jew ⌫ uffiċjal għandu, jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jkun meħtieġ, f'intervalli li ta' mhux aktar minn ħames snin, jistabbilixxi kompetenza professjonali kontinwa għat-tankers skont il-paragrafu 3 tat-Taqsima A-I/11 tal-Kodiċi STCW.

↓ (UE) 2019/1159 Art. 1.6(b) (adattat)

4. Sabiex ikompli jagħti servizz ta' tbaħħir fuq vapuri li joperaw fl-ibħra polari, kull kaptan jew uffiċjal għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandu jkun meħtieġ, f'intervalli ta' mhux iktar minn ħames snin, jistabbilixxi kompetenza professjonali kontinwa għall-vapuri li joperaw f'ibħra polari skont Taqsima A-I/11, il-paragrafu 4 tal-Kodiċi STCW.

↓ (UE) 2019/1159 Art. 1.6(c) (adattat)

5. Kull Stat Membru għandu jqabbel l-istandards ta' kompetenza li huma meħtieġa mill-kandidati għaċ-ċertifikati ta' kompetenza u/jew ċertifikati ta' profiċjenza maħruġa sal-1 ta' Jannar 2017 ma' dawk speċifikati għaċ-ċertifikat ta' kompetenza u/jew ċertifikat ta' profiċjenza rilevanti fil-Parti A tal-Kodiċi STCW, u għandu jiddetermina l-ħtieġa li jirrikjedi li d-detenturi ta' dawk iċ-ċertifikati ta' kompetenza u/jew ċertifikati ta' profiċjenza jagħmlu taħriġ jew valutazzjoni xierqa ta' tiġdid u ta' aġġornament.

↓ (UE) 2019/1159 Art. 1.6(d)

6. Kull Stat Membru għandu jqabbel l-istandards ta' kompetenza li kienu meħtieġa minn persuni li servew fuq vapuri mħaddma bil-gass qabel l-1 ta' Jannar 2017 mal-istandards ta' kompetenza fit-Taqsima A-V/3 tal-Kodiċi STCW, u għandu jiddetermina l-bżonn, jekk ikun hemm, li jirrikjedi li dawk il-persuni jaġġornaw il-kwalifiki tagħhom.

↓ 2008/106/KE

7. Kull Stat Membru għandu, f'konsultazzjoni ma' dawk ikkonċernati, jifformula jew jippromovi l-formolazzjoni ta' struttura ta' korsijiet ta' tiġdid jew ta' aġġornament kif previst fit-taqsima A-I/11 tal-Kodiċi STCW.

↓ 2012/35/UE Art. 1.11(d) (adattat)

8. Għall-fini tal-aġġornament tal-għarfien tal-kaptani, tal-uffiċjali u tal-operaturi tar-radju, kull Stat Membru għandu jiżgura li t-testi tal-bidliet riċenti fir-regolamenti nazzjonali u internazzjonali li jikkonċernaw is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar, is-sigurtà u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar ikunu disponibbli għall-bastimenti intitolati li jtajru l-bandiera tiegħu, filwaqt li ⌦ jikkonformaw mal ⌫ -punt (b) tal-Artikolu 15(3) u mal-Artikolu 19.

↓ 2008/106/KE

*Artikolu 14*

**Użu ta' simulaturi**

Għandu jkun hemm konformità mal-istandards ta' rendiment u dispożizzjonijiet oħra stabbiliti fit-Taqsima A-I/12 tal-Kodiċi STCW u mar-rekwiżiti l-oħra kif previsti fil-Parti A tal-Kodiċi STCW għal kull ċertifikat ikkonċernat fir-rigward ta':

(a) kull taħriġ mandatorju bbażat fuq simulatur;

(b) kwalunkwe valutazzjoni tal-kompetenza meħtieġa mill-Parti A tal-Kodiċi STCW li ssir permezz ta' simulatur;

(c) kwalunkwe wiri, permezz ta' simulatur, ta' profiċjenza kontinwa meħtieġa mill-Parti A tal-Kodiċi STCW.

*Artikolu 15*

**Responsabbiltajiet tal-kumpaniji**

1. L-Istati Membri għandhom, skond il-paragrafi 2 u 3, iżommu lill-kumpaniji responsabbli għall-assenjazzjoni tal-baħħara għas-servizz fuq il-vapuri tagħhom skond din id-Direttiva, u għandhom jeħtieġu li kull kumpanija tiżgura li:

(a) kull baħħar assenjat għal kwalunkwe wieħed mill-vapuri tagħha jkollu ċertifikat xieraq skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u kif stabbilit mill-Istat Membru;

(b) il-vapuri tagħha jkunu mgħammra b'ekwipaġġ skond ir-rekwiżiti applikabbli ta' tgħammir sikur tal-Istat Membru;

(c) id-dokumentazzjoni u d-*data* rilevanti għall-baħħara kollha impjegati fuq il-vapuri tagħha jinżammu u dawn ikunu aċċessibbli faċilment, u jkunu jinkludu dokumentazzjoni u *data* dwar l-esperjenza, it-taħriġ, is-saħħa medika u l-kompetenza fid-doveri mogħtija lilhom, mingħajr ma jkunu limitati għal dik id-dokumentazzjoni biss;

(d) meta jiġu assenjati fuq kwalunkwe wieħed mill-vapuri tagħha l-baħħara jiffamiljarizzaw ruħhom mad-doveri speċifiċi tagħhom u mal-arraġamenti, l-installazzjonijiet, it-tagħmir, il-proċeduri, u mal-karatteristiċi kollha tal-vapur li jkunu rilevanti għar-rutina jew għad-dmirijiet ta' emerġenza tagħhom;

(e) il-kumplament tal-vapur ikun jista' jikkoordina b'mod effettiv l-attivitajiet tagħhom f'sitwazzjoni ta' emerġenza u fit-twettiq ta' funzjonijiet vitali għas-sikurezza jew għall-prevenzjoni jew mitigazzjoni tat-tniġġis;

---

| ➔ 2012/35/UE Art. 1.13(a) |
|---|

(f) baħħara assenjati lil kwalunkwe mill-bastimenti tagħha jkunu rċevew taħriġ ta' tiġdid u aġġornament kif meħtieġ mill-Konvenzjoni STCW;

(g) f'kull ħin abbord il-bastimenti tagħha għandu jkun hemm komunikazzjoni orali effettiva skont il-Kapitolu V tar-Regolament 14, il-paragrafi 3 u 4, tas-SOLAS 74, kif emendata.

---

| ➔ 2008/106/KE (adattat) |
|---|

2. Kull kumpanija, kaptan u membru tal-ekwipaġġ għandu jkollu r-responsabbiltà li jiżgura li jingħata effett sħiħ u komplet għall-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu u li jittieħdu miżuri oħra bħal dawn skont il-ħtieġa biex jiżguraw li kull membru tal-ekwipaġġ ikun jista' jagħmel kontribuzzjoni informata għat-tħaddim sigur tal-vapur.

3. Il-kumpanija għandha tipprovdi istruzzjonijiet bil-miktub lill-kaptan ta' kull vapur li għalih tkun tgħodd din id-Direttiva, li jistabbilixxu l-politika u l-proċeduri li għandhom jiġu mħarsa biex ikun żgurat li l-baħħara kollha li huma impjegati ġodda fuq il-vapur jingħataw opportunità raġonevoli biex isiru familjari mat-tagħmir tal-bastiment, mal-proċeduri ta' ħidma u ma' arranġamenti oħra meħtieġa għall-qadi xieraq tad-dmirijiet tagħhom, qabel ma jiġu mogħtija dawk id-dmirijiet. Dik il-politika u dawk il-proċeduri għandhom jinkludu:

(a) l-allokazzjoni ta' perijodu ta' żmien raġonevoli li fih kull baħħar impjegat ġdid ikollu l-opportunità li jsir familjari:

(i) mat-tagħmir speċifiku li l-baħħar ikun ser juża jew iħaddem;

(ii) mal-proċeduri speċifiċi tal-vapur relatati mal-għassa, is-sikurezza, il-protezzjoni tal-ambjent u l-emerġenza r u l-arranġamenti li l-baħħar ikollu bżonn ikun jaf biex iwettaq sew id-dmirijiet mogħtija lilu;

(b) in-nomina ta' membru tal-ekwipaġġ espert li jkun responsabbli milli jiżgura li kull baħħar impjegat ġdid ikun mogħti opportunità li jirċievi informazzjoni essenzjali b'lingwa li l-baħħar jifhem.

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.13(b)

4. Il-kumpaniji għandhom jiżguraw li l-kaptani, l-uffiċjali u persunal ieħor assenjati dmirijiet u responsabbiltajiet speċifiċi abbord il-bastimenti tal-passiġġieri ro-ro tagħhom ikunu kkompletaw it-taħriġ ta' familjarizzazzjoni sabiex jiksbu l-kapaċitajiet li huma adatti għall-kapaċità li trid tiġi koperta u d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li jridu jitwettqu, billi jqisu l-gwida mogħtija fit-Taqsima B-I/14 tal-Kodiċi STCW.

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.14 (adattat)

*Artikolu 16*

**Idoneità għall-qadi tad-Dmirijiet**

1. Għall-fini tal-prevenzjoni tal-għeja, l-Istati Membri għandhom:

(a) jistabbilixxu u jinfurzaw perijodi ta' mistrieħ għall-persunal tal-għassa u dawk li d-dmirijiet tagħhom jinvolvu dmirijiet magħżula ta' sikurezza, sigurtà u prevenzjoni ta' tniġġis skont il-paragrafi 3 sa 13;

(b) jeħtieġu li s-sistemi ta' għassa jkunu organizzati b'tali mod li l-effiċjenza tal-persunal tal-għassa ma tkunx imdgħajfa mill-għeja u li d-dmirijiet ikunu organizzati b'tali mod li l-ewwel uffiċjal tal-għassa fil-bidu tal-vjaġġ u l-uffiċjali tal-għassa sussegwenti li jbiddlu l-għassa jkunu mistrieħa biżżejjed u idonei għall-qadi ta' dmirijiethom.

2. L-Istati Membri għandhom, għall-fini tal-prevenzjoni tal-abbuż ta' droga u alkoħol, jiżguraw li jiġu stabbiliti miżuri adegwati skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom iqisu l-periklu li jiġi mill-għeja tal-baħħara, speċjalment ta' dawk li d-dmirijiet tagħhom jinvolvu l-operazzjoni sikura u sigura tal-bastiment.

4. Il-persuni kollha li jkunu assenjati d-dmir ta' uffiċjal inkarigat mill-għassa jew bħala baħri li jifforma parti mill-għassa, u dawk li d-dmirijiet tagħhom jinvolvu dmirijiet magħżula

ta' sikurezza, prevenzjoni ta' tniġġis u sigurtà, għandhom jingħataw perijodu ta' mistrieħ ta' mhux inqas minn:

(a) 10 sigħat ta' mistrieħ f'kull perijodu ta' 24 siegħa; u

(b) 77 siegħa f'kull perijodu ta' sebat ijiem.

5. Is-sigħat ta' mistrieħ jistgħu jinqasmu f'mhux iktar minn żewġ perijodi, li wieħed minnhom irid ikun twil mill-inqas 6 sigħat, u l-intervalli bejn perjiodi konsekuttivi ta' mistrieħ ma għandhomx ikunu aktar minn 14-il siegħa.

6. Ir-rekwiżiti għall-perijodi ta' mistrieħ stipulati fil-paragrafi 4 u 5 jistgħu ma jinżammux f'każ ta' emerġenza jew f'kondizzjonijiet oħra operattivi eċċezzjonali. Is-sejħiet tal-miġemgħa, id-drills għat-tifi tan-nar u ta' salvataġġ bid-dgħajjes u drills preskritti minn liġijiet u regolamenti nazzjonali u minn strumenti internazzjonali għandhom jitwettqu b'mod li jimminimizza t-tfixkil tal-perijodi ta' mistrieħ u ma jwasslux għall-għeja.

7. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-iskedi tal-għassa jitpoġġew f'post li huwa aċċessibbli faċilment. L-iskedi għandhom ikunu stabbiliti f'format standard bil-lingwa jew lingwi tax-xogħol tal-bastimenti u bl-Ingliż.

8. Meta baħħar ikun disponibbli għax-xogħol, bħal meta spazju b'makkinarju jkun mingħajr għassa, il-baħħar għandu jkollu perijodu ta' mistrieħ ta' kumpens adegwat jekk il-perijodu normali ta' mistrieħ jiġi mfixkel mill-fatt li jiġi msejjaħ għax-xogħol.

9. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li jinżammu rekords ta ⌦ s- ⌫ sigħat ta' mistrieħ ta' kuljum tal-baħħara f'format standardizzat, bil-lingwa jew lingwi tax-xogħol u bl-Ingliż, biex tkun tista' tiġi mmonitorjata u vverifikata l-konformità ma' dan l-Artikolu. Il-baħħara għandhom jirċievu kopja tar-rekords li jirrigwardaw lilhom, li għandhom ikunu approvati mill-kaptan, jew minn persuna awtorizzata mill-kaptan, u mill-baħħara.

10. Minkejja r-regoli stipulati fil-paragrafi 3 sa 9, il-kaptan ta' bastiment għandu jkun intitolat li jitlob lil baħħar iwettaq kwalunkwe siegħa ta' xogħol meħtieġa għas-sikurezza immedjata tal-bastiment, persuni abbord jew merkanzija, jew għall-fini li tingħata assistenza lil bastimenti jew persuni oħra li jkunu f'diffikultà fuq il-baħar. Għaldaqstant, il-kaptan jista' jissospendi l-iskeda ta' sigħat ta' mistrieħ u jitlob lil baħħar iwettaq kwalunkwe siegħa ta' xogħol meħtieġa sakemm is-sitwazzjoni terġa' lura għan-normal. Hekk kif ikun prattikabbli wara li s-sitwazzjoni terġa' lura għan-normal, il-kaptan għandu jiżgura li kwalunkwe baħħar li jkun wettaq xogħol matul perijodu skedat ta' mistrieħ ikun ipprovdut b'perijodu ta' mistrieħ adegwat.

11. B'kont meħud tal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u f'konformità mad-Direttiva 1999/63/KE l-Istati Membri jistgħu, permezz ta' liġijiet, regolamenti jew proċedura nazzjonali għall-awtorità kompetenti, jawtorizzaw jew jirreġistraw ftehimiet kollettivi li jippermettu eċċezzjonijiet għas-sigħat meħtieġa ta' mistrieħ fil-punt (b) tal-paragrafu 4 u fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu sakemm dak il-perijodu ta' mistrieħ ma jkunx inqas minn 70 siegħa fi kwalunkwe perijodu ta' sebat ijiem u bir-rispett tal-limiti stabbiliti fil-paragrafi 12 u 13 ta' dan l-Artikolu. Eċċezzjonijiet bħal dawn għandhom, sakemm ikun possibbli, jsegwu l-istandards stabbiliti iżda jistgħu jieħdu kont ta' perijodi ta' mistrieħ aktar frekwenti jew itwal, jew li jagħtu leave b'kumpens lil baħħara tal-għassa jew baħħara li jaħdmu abbord bastimenti fuq vjaġġi qosra. Sa fejn hu possibbli, l-eċċezzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-gwida rigward il-prevenzjoni tal-għeja stipulata fit-Taqsima B-VIII/1 tal-Kodiċi STCW. M'għandhomx ikunu permessi eċċezzjonijiet għas-sigħat minimi ta' mistrieħ previsti fil-punt (a) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

12. L-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 11 għall-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa previst fil-punt (b) tal-paragrafu 4 ma għandhomx ikunu permessi għal aktar minn ġimagħtejn konsekuttivi. L-intervalli bejn żewġ perijodi ta' eċċezzjonijiet abbord ma għandhomx ikunu anqas minn darbtejn it-tul tal-eċċezzjoni.

13. Fil-qafas tal-possibilità ta' eċċezzjonijiet għall-paragrafu 5 msemmijin fil-paragrafu 11, is-sigħat minimi ta' mistrieħ f'kull perijodu ta' 24 siegħa previsti fil-punt (a) tal-paragrafu 4 jistgħu jinqasmu f'mhux iktar minn tliet perijodi ta' mistrieħ, li wieħed minnhom għandu jkun twil mill-inqas sitt sigħat u l-ebda wieħed miż-żewġ perijodi l-oħra ma għandhom ikunu twal inqas minn siegħa. L-intervalli bejn perijodi konsekuttivi ta' mistrieħ ma għandhomx ikunu ta' aktar minn 14-il siegħa. L-eċċezzjonijiet ma għandhomx jestendu għal aktar minn żewġ perijodi ta' 24 siegħa fi kwalunkwe perijodu ta' sebat ijiem.

14. Għall-fini tal-prevenzjoni tal-abbuż tal-alkoħol, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu limitu ta' mhux aktar minn 0,05 % ta' livell ta' alkoħol fid-demm (BAC) jew 0,25 mg/l ta' alkoħol fin-nifs jew kwantità ta' alkoħol li twassal għal tali konċentrazzjoni ta' alkoħol għall-kaptani, l-uffiċjali u baħħara oħra waqt it-twettiq ta' dmirijiet magħżula ta' sikurezza, sigurtà u li jirrigwardaw l-ambjent tal-baħar.

---

| ↓ 2008/106/KE (adattat) |
|---|

*Artikolu 17*

**Dispensa**

1. F'ċirkostanzi ta' ħtieġa eċċezzjonali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, jekk fl-opinjoni tagħhom dan ma jkunx ta' periklu għall-persuni, għall-proprjetà jew għall-ambjent, joħorġu dispensa li tippermetti lil baħħar speċifiku jservi f'vapur speċifiku għal perijodu speċifiku ta' mhux aktar minn sitt xhur f'kapaċità minbarra dik ta' operatur tar-radju, ħlief kif ipprovdut bir-Regolamenti tar-Radju rilevanti, li għalih ma jkollux iċ-ċertifikat xieraq, bil-kondizzjoni li l-persuna li għaliha tkun ħarġet id-dispensa tkun ikkwalifikata b'mod addattat sabiex timla' l-post vakanti b'mod sikur għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, m'għandhomx jingħataw dispensi għal kaptan jew għal uffiċjal kap tal-inġinerija, minbarra f'ċirkostanzi ta' forza maġġuri u f'dak il-każ biss għall-iqsar perijodu possibbli.

2. Kwalunkwe dispensa mogħtija għal kariga għandha tingħata biss lill-persuna ċċertifikata kif xieraq biex timla l-kariga li tiġi immedjatamet taħtha. Fejn ċertifikazzjoni tal-kariga ta' taħtha ma tkunx meħtieġa, tista' tinħareġ dispensa lil persuna li l-kwalifiki u l-esperjenza tagħha, fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti, ikunu ta' ekwivalenza ċara għar-rekwiżiti għall-kariga li għandha timtela, bil-kondizzjoni li, jekk dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' ċertifikat xieraq, hija tkun meħtieġa li tgħaddi eżami aċċettat mill-awtoritajiet kompetenti li jikkonferma li dik id-dispensa tista' tinħareġ bla periklu. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-kariga msemmija timtela mid-detentur ta' ċertifikat xieraq malajr kemm jista' jkun.

*Artikolu 18*

**Responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' taħriġ u valutazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet jew il-korpi li għandhom:

(a) jagħtu t-taħriġ imsemmi fl-Artikolu 3;

(b) jorganizzaw u/jew jissorveljaw l-eżamijiet fejn ikun meħtieġ;

🡻 2012/35/UE Art. 1.15

(c) joħorġu ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 4;

🡻 2008/106/KE (adattat)

(d) jagħtu d-dispensa prevista fl-Artikolu 17.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) it-taħriġ u l-valutazzjoni kollha tal-baħħara jkunu:

(i) strutturati skond il-programmi bil-miktub, li jinkludu dawk il-metodi u l-mezzi ta' kif jiġu mogħtija, il-proċeduri u l-materjal tal-kors kif meħtieġa biex jintlaħaq l-istandard ta' kompetenza previst;

(ii) imwettqa, sorveljati, evalwati u appoġġati minn persuni kwalifikati skond il-punti (d), (e) u (f);

(b) persuni li jmexxu taħriġ jew valutazzjoni waqtix-xogħol ta' persuni abbord vapur għandhom jagħmlu dan biss meta dak it-taħriġ jew dikil-valutazzjoni ma jaffetwawx ħażin it-tħaddim normali tal-vapur u jkunu jistgħu jiddedikaw il-ħin u l-attenzjoni tagħhom għat-taħriġ jew għall-valutazzjoni;

(c) għalliema, kontrolluri u assessuri jkunu kkwalifikati b'mod xieraq għat-tipi u l-livelli partikolari ta' taħriġ jew ta' valutazzjoni tal-kompetenza tal-baħħara sew abbord u sew fuq l-art;

(d) kull persuna li tkun qiegħda tmexxi taħriġ tal-baħħara waqt ix-xogħol, sew abbord u sew fuq l-art, li jkun maħsub sabiex jintuża għall-kwalifikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni skond din id-Direttiva:

(i) ikollha apprezzament tal-programm ta' taħriġ u tifhem l-għanijiet speċifiċi tat-taħriġ għat-tip partikolari ta' taħriġ li jkun qiegħed isir;

(ii) tkun ikkwalifikata fix-xogħol li għalih ikun qiegħed isir it-taħriġ;

(iii) jekk it-taħriġ ikun qiegħed isir bl-użu ta' simulatur:

– tkun irċeviet gwida xierqa fit-teknika ta' istruzzjoni li tinvolvi l-użu ta' simulaturi; u

– tkun kisbet esperjenza prattika ta' ħidma fuq it-tip partikolari ta' simulatur li jkun qiegħed jiġi użat;

(e) kwalunkwe persuna responsabbli mill-kontroll tat-taħriġ ta' baħħar waqt ix-xogħol intiż biex jiġi użat sabiex jikkwalifika għaċ-ċertifikazzjoni, jkollha fehim sħiħ tal-programm ta' taħriġ u l-għanijiet speċifiċi għal kull tip ta' taħriġ li jkun qiegħed isir;

(f) kwalunkwe persuna li tagħmel il-valutazzjoni tal-kompetenza ta' baħħar waqt ix-xogħol, sew abbord u sew fuq l-art, liema valutazzjoni tkun maħsuba sabiex tintuża biex tikkwalifika għaċ-ċertifikazzjoni skont din id-Direttiva:

(i) ikollha livell xieraq ta' għarfien u fehim tal-kompetenza li għandha tiġi eżaminata;

(ii) tkun ikkwalifikata fix-xogħol li għalih tkun qiegħda ssir il-valutazzjoni;

(iii) tkun irċeviet gwida xierqa f'metodi ta' valutazzjoni u prattika;

(iv) tkun kisbet esperjenza prattika tal-valutazzjoni;

(v) jekk tkun qiegħda tagħmel valutazzjoni li tinvolvi l-użu ta' simulaturi, tkun kisbet esperjenza prattika tal-valutazzjoni fuq it-tip partikolari ta' simulatur taħt is-sorveljanza u għas-sodisfazzjon ta' eżaminatur b'esperjenza;

(g) meta Stat Membru jirrikonoxxi kors ta' taħriġ, istituzzjoni ta' taħriġ, jew kwalifika mogħtija minn istituzzjoni ta' taħriġ, bħala parti mir-rekwiżiti tiegħu għall-ħruġ ta' ċertifikat, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-għalliema u tal-assessuri huma koperti fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-istandards tal-kwalità tal-Artikolu 11; dawk il-kwalifiki, dik l-esperjenza u l-applikazzjoni tal-istandards tal-kwalità għandhom jinkorporaw taħriġ xieraq f'tekniki ta' istruzzjoni u metodi ta' taħriġ u valutazzjoni u jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha applikabbli tal-punti (d), (e) u (f) ⌦ ta' dan il-paragrafu ⌫.

*Artikolu 19*

**Komunikazzjoni abbord**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) mingħajr preġudizzju għall-punti (b) u (d), f'kull ħin ikun hemm, abbord il-vapuri kollha li jtajjru l-bandiera ta' Stat Membru, mezzi ħal komunikazzjoni orali effettiva relatata mas-sikurezza bejn il-membri kollha tal-ekwipaġġ tal-vapur, b'mod partikolari fir-rigward ta' reċezzjoni tajba u fil-ħin u l-fehim ta' messaġġi u istruzzjonijiet;

(b) abbord il-vapuri kollha tal-passiġġieri li jtajjru l-bandiera ta' Stat Membru u abbord il-vapuri tal-passiġġieri kollha li jibdew u/jew jispiċċaw il-vjaġġ f'port ta' Stat Membru, sabiex jiżguraw rendiment effettiv tal-ekwipaġġ fi kwistjonijiet ta' sikurezza, tiġi stabbilita lingwa tax-xogħol u tkun reġistrata fir-reġistru (log book) tal-vapur;

il-kumpanija jew il-kaptan, skond kif ikun jixraq, għandhom jistabbilixxu l-lingwa tax-xogħol addattata; kull baħħar għandu jkun meħtieġ li jifhem u, fejn ikun xieraq, jagħti ordnijiet u istruzzjonijiet u jirrapporta lura b'dik il-lingwa;

jekk il-lingwa tax-xogħol ma tkunx lingwa uffiċjali tal-Istat Membru, il-pjani u l-listi kollha li għandhom jitwaħħlu għandhom jinkludu traduzzjonijiet fil-lingwa tax-xogħol;

(c) abbord vapuri tal-passiġġieri, il-persunal imsemmi fil-listi tal-ekwipaġġ biex jassisti passiġġieri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza ikunu jistgħu jiġu identifikati immedjatament u jkollhom abbiltajiet ta' komunikazzjoni li jkunu suffiċjenti għal dak il-għan, b'konsiderazzjoni ta' kombinazzjoni xierqa u adegwata ta' kwalunkwe mill-fatturi li ġejjin:

(i) il-lingwa jew lingwi li jkunu xierqa għan-nazzjonalitajiet prinċipali tal-passiġġieri ttrasportati fuq rotta partikolari;

(ii) il-probabbilità li l-abbiltà li jintuża vokabularju elementari Ingliż għal istruzzjonijiet bażiċi tista' tipprovdi mezz ta' komunikazzjoni ma' passiġġier li jkollu bżonn għajnuna kemm jekk il-passiġġier u l-membru tal-ekwipaġġ ikollhom lingwa komuni kif ukoll kemm jekk le;

(iii) il-ħtieġa li tista' tinħoloq waqt emerġenza biex il-komunikazzjoni ssir permezz ta' mezzi oħra (⌦ pereżempju ⌫ b'wiri, sinjali bl-idejn, jew ġbid ta' attenzjoni għall-post tal-istruzzjoni, għall-punti ta' ġbir, tagħmir ta' salvataġġ jew rotot ta' evakwazzjoni) meta l-komunikazzjoni verbali ma tkunx prattika;

(iv) sa liema punt l-istruzzjonijiet tas-sikurezza kollha jkunu ġew provduti lill-passiġġieri fil-lingwa jew lingwi nattivi tagħhom;

(v) il-lingwi li fihom l-avviżi ta' emerġenza jistgħu jixxandru waqt emerġenza jew eżerċizzju militari biex jagħtu gwida kritika lill-passiġġieri u biex jgħinu lill-membri tal-ekwipaġġ fl-assistenza lill-passiġġieri;

(d) abbord tankers taż-żejt, tankers ta' sustanzi kimiċi u tankers tal-gass likwifikat li jtajjru l-bandiera ta' Stat Membru, il-kaptan, l-uffiċjali u l-baħrin jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin b'lingwa/i komuni tax-xogħol;

(e) ikun hemm mezzi adegwati għall-komunikazzjoni bejn il-vapur u l-awtoritajiet fuq l-art; dawk il-komunikazzjonijiet għandhom jitmexxew skond il-Kapitolu V, Regolament 14, paragrafu 4, tas-SOLAS 74;

(f) meta jwettqu l-kontroll tal-Istat tal-port skond id-Direttiva 2009/16/KE, l-Istati Membri jikkontrollaw ukoll li l-vapuri li jtajjru l-bandiera ta' Stat li ma jkunx Stat Membru jikkonformaw ma' dan l-Artikolu.

*Artikolu 20*

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.16(a)

**Rikonoxximent ta' ċertifikati ta' kompetenza u ċertifikati ta' profiċjenza**

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.16(b) (adattat)

1. Il-baħħara li m'għandhomx iċ-ċertifikati ta' kompetenza maħruġa mill-Istati Membri jew iċ-ċertifikati ta' profiċjenza maħruġa mill-Istati Membri lill-kaptani u lill-uffiċjali skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti V/1-1 u V/1-2 tal-Konvenzjoni STCW, jistgħu jitħallew iservu fuq bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, dment li tkun ġiet adottata deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent taċ-ċertifikati ta' kompetenza ⌦ jew ⌫ ċ-ċertifikati ta' profiċjenza tagħhom permezz tal-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu.

---

🡻 (UE) 2019/1159 Art. 1.7 (adattat)

2. Stat Membru li jkun biħsiebu jirrikonoxxi, b'approvazzjoni, iċ-ċertifikati ta' kompetenza jew iċ-ċertifikati ta' profiċjenza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, maħruġa minn pajjiż terz lil kaptan, uffiċjal jew operatur tar-radju, għal servizz fuq vapuri li jtajru l-bandiera tiegħu, għandu jippreżenta talba lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent ta' dak il-pajjiż terz, akkumpanjata minn analiżi preliminari tal-konformità tal-pajjiż terz mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW billi jiġbor l-informazzjoni msemmija fl-Anness II għal din id-Direttiva. F'dik l-analiżi preliminari, l-Istat Membru għandu jipprovdi aktar informazzjoni dwar ir-raġunijiet għar-rikonoxximent tal-pajjiż terzbiex jissostanzja t-talba tiegħu.

Wara l-preżentazzjoni ta' tali talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tipproċessa dik it-talba ⌦ mingħajr dewmien ⌫ u għandha tiddeċiedi, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2), dwar il-bidu tal-valutazzjoni tas-sistema ta' taħriġ u ċertifikazzjoni fil-pajjiż terz fi żmien raġonevoli b'kunsiderazzjoni xierqa tal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Meta tiġi adottata deċiżjoni pożittiva biex tinbeda il-valutazzjoni, il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u bl-involviment possibbli tal-Istat Membru li jkun qed iressaq it-talba u kwalunkwe Stat Membru ieħor interessat, għandha tiġbor l-informazzjoni msemmija fl-Anness II għal din id-Direttiva u għandha twettaq valutazzjoni tas-sistemi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni fil-pajjiż terz li għalih tkun tressqet it-talba għar-rikonoxximent, sabiex tivverifika li l-pajjiż ⌦ terz ⌫ ikkonċernat jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni STCW u li ttieħdu l-miżuri xierqa biex jiġi evitat il-ħruġ ta' ċertifikati qarrieqa, u biex ikun ikkunsidrat jekk irratifikax il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006.

3. Meta, b'riżultat tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk ir-rekwiżiti kollha huma ssodisfati, hija għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-deċiżjoni tagħha dwar ir-rikonoxximent ta' pajjiż terz. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2), fi żmien 24 xahar mill-preżentazzjoni tat-talba minn Stat Membru msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

⌦ Fejn ⌫ il-pajjiż terz ikkonċernat ikun jeħtieġ jimplimenta azzjonijiet korrettivi kbar, inklużi emendi fil-leġiżlazzjoni, fis-sistema tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u taċ-ċertifikazzjoni tiegħu biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW, l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati fi żmien 36 xahar mill-preżentazzjoni tat-talba minn Stat Membru msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

L-Istat Membru li jippreżenta tali talba jista' jiddeċiedi li jirrikonoxxi l-pajjiż terz b'mod unilaterali sa ma jiġi adottat att ta' implimentazzjoni skont dan il-paragrafu. F'każ ta' tali rikonoxximent unilaterali, l-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-għadd ta' approvazzjonijiet li jaffermaw ir-rikonoxximent maħruġa b'rabta maċ-ċertifikati ta' kompetenza u ċ-ċertifikati ta' profiċjenza msemmija fil-paragrafu 1, maħruġa mill-pajjiż terz sakemm l-att ta' implimentazzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' dak il-pajjiż terz jiġi adottat.

---

↓ 2008/106/KE (adattat)

4. Stat Membru jista' jiddeċiedi, fir-rigward ta' vapuri li jtajjru l-bandiera tiegħu, li japprova ċertifikati maħruġa mill-pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-Kummissjoni, b'konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet ⌦ stipulati ⌫ fil-punti (4) u (5) tal-Anness II.

5. Ir-rikonoxximenti ta' ċertifikati maħruġin minn pajjiżi terzi rikonoxxuti u ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C, qabel l-14 ta' Ġunju 2005 għandhom jibqgħu validi.

Dawk ir-rikonoxximenti jistgħu jintużaw mill-Istati Membri kollha kemm-il darba l-Kummissjoni ma tkunx sussegwentement irtirathom skond l-Artikolu 21.

6. Il-Kummissjoni għandha tiġbor u taġġorna lista tal-pajjiżi terzi li jkunu ġew rikonoxxuti. Il-lista għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, Serje C.

7. Minkejja l-Artikolu 4(7), Stat Membru jista', jekk hekk ikunu jitolbu ċ-ċirkostanzi, jippermetti li baħħar jagħti s-servizz tiegħu f'kariga għajr dik ta' uffiċjal tar-radju jew

operatur tar-radju, ħlief kif previst bir-Regolamenti tar-Radju, għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur abbord vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu, waqt li jkollu fil-pussess tiegħu ċertifikat xieraq u validu maħruġ u approvat kif meħtieġ minn pajjiż terz, iżda li jkun għadu mhux approvat għar-rikonoxximent mill-Istat Membru konċernat sabiex b'hekk irendieħ xieraq għal servizz abbord vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu.

Għandha tinżamm disponibbli evidenza dokumentata li turi li l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ġiet ippreżentata lill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 21*

**Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW**

1. Minkejja l-kriterji speċifikati fl-Anness II, meta Stat Membru jqis li pajjiż terz rikonoxxut m'għadux jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW, huwa għandu jgħarraf lill-Kummissjoni minnufih, filwaqt li jagħti raġunijiet issostanzjati għal dan.

Il-Kummissjoni għandha tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 31(1) ⌦ mingħajr dewmien. ⌫

2. Minkejja l-kriterji speċifikati fl-Anness II, meta l-Kummissjoni tikkunsidra li pajjiż terz rikonoxxut m'għadux jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW, hija għandha tinnotifika lill-Istati Membri minnufih, filwaqt li tagħti raġunijiet issostanzjati għal dan.

Il-Kummissjoni għandha tirriferi l-kwistjoni lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 31(1) ⌦ mingħajr dewmien ⌫.

3. Meta Stat Membru jkun bi ħsiebu jirtira l-approvazzjonijiet taċ-ċertifikati kollha maħruġa minn pajjiż terz huwa għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar l-intenzjoni tiegħu ⌦ mingħajr dewmien ⌫, filwaqt li jagħti raġunijiet issostanzjati għal dan.

4. Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima, għandha tivvaluta mill-ġdid ir-rikonoxximent tal-pajjiż terz ikkonċernat sabiex tivverifika jekk dak il-pajjiż ⌦ terz ⌫ naqasx milli jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW.

5. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li stabbiliment partikolari ta' taħriġ marittimu m'għadux jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-pajjiż ⌦ terz ⌫ ikkonċernat li r-rikonoxximent taċ-ċertifikati ta' dak il-pajjiż ⌦ terz ⌫ se jiġi rtirat fi żmien xahrejn kemm-il darba ma jitteħdux miżuri li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni STCW.

---

| ↓ 2012/35/UE Art. 1.17 |
|---|

6. Id-deċiżjoni dwar l-irtirar tar-rikonoxximent għandha tittieħed mill-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2). L-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri adatti biex jimplimentaw id-deċiżjoni.

---

| ↓ 2008/106/KE (adattat) |
|---|

7. L-approvazzjonijiet li jaffermaw ir-rikonoxximent taċ-ċertifikati, maħruġa skond l-Artikolu 4(7) qabel id-data li fiha d-deċiżjoni biex ikun irtirat ir-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi tkun ittieħdet, għandhom jibqgħu validi. ⌦ Madankollu, ⌫ il-baħħara li jkollom tali approvazzjonijiet ma jistgħux jagħmlu pretensjoni għal approvazzjoni li tirikkonoxxi

kwalifika ogħla, ħlief jekk dak il-grad ogħla jkun ibbażat biss fuq esperjenza addizzjonali ta' servizz fuq il-baħar.

---

🡻 (UE) 2019/1159 Art. 1.8 (adattat)

8. Jekk ma jkun hemm ebda approvazzjoni li tafferma r-rikonoxximent maħruġ minn Stat Membru b'rabta ma' ċertifikati ta' kompetenza jew ċertifikati ta' profiċjenza, imsemmija fl-Artikolu 20(1), maħruġa minn pajjiż terz għal perijodu ta' aktar minn tmien snin, ir-rikonoxximent taċ-ċertifikati ta' dak il-pajjiż ⌦ terz ⌫ għandu jiġi rieżaminat. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-deċiżjoni tagħha wara dak ir-rieżami. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2), wara li l-Istati Membri kif ukoll lill-pajjiż terz konċernat jiġu notifikati mill-inqas sitt xhur minn qabel.

---

🡻 2008/106/KE

*Artikolu 22*

**Valutazzjoni mill-ġdid**

---

🡻 (UE) 2019/1159 Art. 1.9 (adattat)

1. Il-pajjiżi terzi li ġew rikonoxxuti skont il-proċedura msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(3), inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 20(6), għandhom jiġu rivalutati mill-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, fuq bażi regolari u mill-inqas kull għaxar snin mill-aħħar valutazzjoni, biex jiġi vverifikat li jissoddisfaw il-kriterji rilevanti mniżżla fl-Anness II u jekk ittieħdux il-miżuri xierqa biex jipprevjenu l-ħruġ ta' ċertifikati qarrieqa.

2. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, għandha twettaq rivalutazzjoni tal-pajjiżi terzi abbażi tal-kriterji ta' prijorità. Dawk il-kriterji għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) data tal-prestazzjoni mill-kontroll tal-Istat tal-port skont l-Artikolu 24;

(b) l-għadd ta' approvazzjonijiet li jaffermaw ir-rikonoxximent fir-rigward taċ-ċertifikati ta' kompetenza, jew taċ-ċertifikati ta' profiċjenza maħruġa skont ir-Regolamenti V/1-1 u V/1-2 tal-Konvenzjoni STCW, maħruġa mill-pajjiż terz;

(c) l-għadd ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-qasam marittimu akkreditati mill-pajjiż terz;

(d) l-għadd ta' programmi ta' taħriġ u żvilupp professjonali għall-baħħara approvati mill-pajjiż terz;

(e) id-data tal-aħħar valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pajjiż terz u l-għadd ta' nuqqasijiet fi proċessi kritiċi identifikati matul dik il-valutazzjoni;

(f) kwalunkwe bidla sinifikanti fit-taħriġ marittimu u fis-sistema ta' ċertifikazzjoni tal-pajjiż terz;

(g) l-għadd globali ta' baħħara ċċertifikati mill-pajjiż terz, li jservu fuq vapuri li jtajru l-bnadar tal-Istati Membri u l-livell ta' taħriġ u kwalifiki ta' dawk il-baħħara;

(h) informazzjoni dwar l-istandards ta' edukazzjoni u taħriġ fil-pajjiż terz, ipprovduta minn kwalunkwe awtorità kkonċernata jew parti ikkonċernata oħra, jekk tkun disponibbli.

Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ta' pajjiż terz mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW skont l-Artikolu 21 ta' din id-Direttiva, il-valutazzjoni mill-ġdid ta' dak il-pajjiż terz għandu jkollha prijorità fir-rigward ta' pajjiżi terzi oħra.

---

🡻 2008/106/KE

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri rapport dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni.

*Artikolu 23*

**Kontroll tal-Istat tal-port**

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.18

1. Irrispettivament mill-bandiera li jtajjar, bl-eċċezzjoni ta’ dawk it-tipi ta’ bastimenti msemmija fl-Artikolu 2, kull bastiment, waqt li jkun fil-portijiet ta’ Stat Membru, għandu jkun soġġett għall-kontroll tal-Istat tal-port minn uffiċjali debitament awtorizzati minn dak l-Istat Membru sabiex jivverifikaw li l-baħħara kollha li jagħtu s-servizz tagħhom abbord li jkunu meħtieġa li jkollhom ċertifikat ta’ kompetenza u/jew ċertifikat ta’ profiċjenza u/jew evidenza dokumentata skont il-Konvenzjoni STCW, jkollhom tali ċertifikat ta’ kompetenza jew dispensa valida u/jew ċertifikat ta’ profiċjenza u/jew evidenza dokumentata.

---

🡻 2008/106/KE

2. Meta jeżerċitaw kontroll tal-Istat tal-port skond din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet rilevanti u l-proċeduri kollha stabbiliti fid-Direttiva 2009/16/KE.

*Artikolu 24*

**Proċeduri ta’ kontroll tal-Istat tal-port**

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/16/KE, il-kontroll tal-Istat tal-port skond l-Artikolu 23 għandu jkun limitat għal li ġej:

---

🡻 2012/35/UE Art. 1.19 (adattat)

(a) verifika li kull baħħar li jagħti s-servizz tiegħu abbord li huwa meħtieġ li jkollu ċertifikat ta’ kompetenza u/jew ċertifikat ta’ profiċjenza skont il-Konvenzjoni STCW ikollu tali ċertifikat ta’ kompetenza jew dispensa valida u/jew ċertifikat ta’ profiċjenza, jew jipprovdi prova dokumentata li tkun ġiet ippreżentata lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera applikazzjoni għal approvazzjoni li turi r-rikonoxximent ta’ ċertifikat ta’ kompetenza;

🡻 2008/106/KE

(b) verifika li n-numri u ċ-ċertifikati tal-baħħara li jagħtu s-servizz tagħhom abbord huma skond ir-rekwiżiti ta' tgħammir sikur tal-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera.

🡻 2012/35/UE Art. 1.20(a)

2. Il-kapaċità tal-baħħara tal-bastiment li jżommu standards ta' għassa u ta' sigurtà, kif xieraq, kif meħtieġ mill-Konvenzjoni STCW, għandha tiġi vvalutata skont il-Parti A tal-Kodiċi STCW jekk ikun hemm raġunijiet ċari biex wieħed jemmen li dawk l-istandards ma jkunux qed jinżammu minħabba li jkun seħħ xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

🡻 2008/106/KE

(a) il-vapur kien involut f'ħabta jew inkalja;

(b) kien hemm ħruġ ta' sustanzi mill-vapur waqt il-vjaġġ, waqt l-ankraġġ jew fl-irmiġġ li jkun illegali skond konvenzjoni internazzjonali;

(c) il-vapur ikun ġie immanuvrat b'mod erratiku jew perikoluż li bih il-miżuri tar-rotta adottati mill-IMO, jew il-prattiki u l-proċeduri ta' navigazzjoni sikura ma jkunux ġew osservati;

🡻 2012/35/UE Art. 1.20(b)

(d) il-bastiment qed jiġi operat b'mod li jippreżenta periklu għall-persuni, il-proprjetà jew l-ambjent, jew b'tali mod li jikkomprometti s-sigurtà;

🡻 2008/106/KE (adattat)

(e) ċertifikat ikun inkiseb bi frodi jew id-detentur taċ-ċertifikat ma jkunx l-istess persuna li għaliha jkun ġie oriġinarjament maħruġ dak iċ-ċertifikat;

(f) il-vapur ikun qiegħed itajjar il-bandiera ta' pajjiż li ma rratifikax il-Konvenzjoni STCW, jew għandu kaptan, uffiċjal jew baħri li jkollu ċertifikat maħruġ minn pajjiż terz li ma jkunx irratifika l-Konvenzjoni STCW.

3. Minkejja l-verifika taċ-ċertifikat, il-valutazzjoni skond il-paragrafu 2 tista' teħtieġ li l-baħħar juri l-kompetenza rilevanti fuq il-post tax-xogħol. Din it-turija tista' tinkludi verifika li r-rekwiżiti operazzjonali fir-rigward ta' standards ta' għassa jkunu ġew sodisfatti u li hemm rispons xieraq għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza fil-livell ta' kompetenza tal-baħħar.

*Artikolu 25*

**Detenzjoni**

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/16/KE, id-defiċjenzi li ġejjin, sa fejn ikunu ġew stabbiliti mill-uffiċjal li jwettaq il-kontroll tal-Istat tal-port li huma ta' periklu għall-persuni, għall-proprjetà jew għall-ambjent, għandhom ikunu l-uniċi raġunijiet skond din id-Direttiva li għalihom Stat Membru jista' jżomm vapur:

(a) il-baħħara ma jkollhomx ċertifikati, ma jkollhomx ċertifikati xierqa, ma jkollhomx dispensi validi jew ma jipprovdux evidenza dokumentata li tkun saret applikazzjoni

għal approvazzjoni li turi li r-rikonoxximent għand l-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera;

(b) in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli ta' tgħammir sikur tal-Istat tal-bandiera;

(c) in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-arranġamenti tal-għassa għan-navigazzjoni jew għall-inġinerija speċifikati għall-vapur mill-Istat tal-bandiera;

(d) in-nuqqas waqt għassa ta' persuna kkwalifikata sabiex tħaddem tagħmir essenzjali għas-sikurezza tan-navigazzjoni, is-sikurezza tal-komunikazzjonijiet bir-radju jew il-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar;

(e) in-nuqqas li tiġi ipprovduta prova ta' profiċjenza professjonali għax-xogħlijiet mogħtija lill-baħħara għas-sikurezza tal-vapur u l-prevenzjoni tat-tniġġis;

(f) l-inabilità li jiġu pprovduti persuni għall-ewwel għassa fil-bidu tal-vjaġġ u għal għases sussegwenti li jidħlu minflokhom, li jkunu mistrieħa biżżejjed u għalhekk tajbin għax-xogħol.

*Artikolu 26*

**Monitoraġġ regolari tal-konformità**

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skond l-Artikolu ⌦ 258 ⌫ tat-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫, il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima, għandha tivverifika fuq bażi regolari u mill-inqas kull ħames snin li l-Istati Membri jkunu konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti b'din id-Direttiva.

---

| ↓ 2012/35/UE Art. 1.21 |
|---|

*Artikolu 27*

**Informazzjoni għall-finijiet ta' statistika**

---

| ↓ (UE) 2019/1159 Art. 1.10 (adattat) |
|---|

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-Anness III lill-Kummissjoni għall-finijiet tal-Artikoli 21(8) u 22(2) u għall-użu mill-Istati Membri u l-Kummissjoni għat-tfassil tal-politika.

---

| ↓ 2012/35/UE Art. 1.21 |
|---|

2. Dik l-informazzjoni għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mill-Istati Membri fuq bażi annwali u f'forma elettronika u għandha tinkludi l-informazzjoni rreġistrata sal-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. L-Istati Membri għandhom iżommu d-drittijiet kollha tal-proprjetà fir-rigward ta' informazzjoni fil-format tagħha ta' data mhux ipproċessata. Statistika pproċessata mfassla abbażi ta' informazzjoni bħal din għandha ssir disponibbli għall-pubbliku skont id-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza u l-protezzjoni tal-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

3. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali, l-Istati Membri għandhom janonimizzaw kwalunkwe informazzjoni personali kif indikat fl-Anness III permezz ta' software pprovdut jew aċċettat mill-Kummissjoni qabel ma jibagħtuha lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tuża biss dik l-informazzjoni anonimizzata.

4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-miżuri għall-ġbir, il-preżentazzjoni, il-ħżin, l-analizzar u t-tixrid ta' dik l-informazzjoni jkunu mfasslin b'tali mod li jkun possibbli li ssir analiżi bbażata fuq statistika.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri dettaljati rigward ir-rekwiżiti tekniċi meħtieġa biex tiġi żgurata l-ġestjoni xierqa tad-data tal-istatistika. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(2).

---

🡻 (UE) 2019/1159 Art. 1.11

*Artikolu 28*

**Rapport ta' evalwazzjoni**

Mhux aktar tard mit-2 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni, inkluż suġġerimenti għal azzjonijiet ta' segwitu li jridu jittieħdu fid-dawl ta' dik l-evalwazzjoni. F' dak ir-rapport ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-implimentazzjoni tal-iskema ta' rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri, u kwalunkwe żvilupp rigward iċ-ċertifikati diġitali għall-baħħara fil-livell internazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tevalwa wkoll kwalunkwe żvilupp fir-rigward ta' konsiderazzjoni futura ta' Diplomi Marittimi Ewropej ta' Eċċellenza, kif imsejsa mir-rakkomandazzjonijiet mogħtija mis-sħab soċjali.

---

🡻 (UE) 2019/1159 Art. 1.12 (adattat)

*Artikolu 29*

**Emenda**

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 30 li jemendaw l-Anness I għal din id-Direttiva u d-dispożizzjonijiet relatati ta' din id-Direttiva sabiex tallinja dak l-Anness u dawk id-dispożizzjonijiet mal-emendi tal-Konvenzjoni STCW u ⌦ mal- ⌫ Parti A tal-Kodiċi STCW.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 30 li jemendaw l-Anness V għal din id-Direttiva fir-rigward ta' kontenut u dettalji speċifiċi u rilevanti tal-informazzjoni li teħtieġ tiġi rrappurtata mill-Istati Membri kemm-il darba tali atti jkunu limitati sabiex iqisu l-emendi fil-Konvenzjoni STCW u l-Parti A tal-Kodiċi STCW u jirrispettaw is-salvagwardji dwar il-protezzjoni tad-data. Dawk l-atti delegati ma għandhomx ibiddlu d-dispożizzjonijiet dwar l-anonimizzazzjoni tad-data stipulati fl-Artikolu 27(3).

↓ (UE) 2019/1159 Art. 1.13

*Artikolu 30*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(14) u fl-Artikolu 29 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-1 ta' Awwissu 2019. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4(14) u fl-Artikolu 29 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(14) u l-Artikolu 29 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

↓ 2012/35/UE Art. 1.24

*Artikolu 31*

**Proċedura ta’ Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta’ Tniġġis minn Bastimenti (COSS) stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[17] Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru ta' l-2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta l-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

| ↓ 2012/35/UE Art. 1.25 |
|---|

*Artikolu 32*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' pieni għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikoli 3, 4, 8, 10 sa 16, 18, 19, 20, 23, 24, 25 u l-Anness I, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

---

| ↓ 2008/106/KE (adattat) |
|---|

*Artikolu 33*

**Komunikazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet kollha li jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri l-oħra bihom.

*Artikolu 34*

**Tħassir**

Id-Direttiva ⌦ 2008/106/KE ⌫, kif emendata bid-Direttivi elenkati fl-Anness IV, Parti A, hija mħassra, bla preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness IV, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

---

| ↓ |
|---|

*Artikolu 35*

**Dħul fis-Seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Awwissu 2021.

🡻 2008/106/KE

*Artikolu 36*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |